Vol 44
Nru 221
Lulju - Settembru 2023

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-Art Imqaddsa

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2023

comalt@ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*Fdalijiet tal-blat tal-Kripta*

# Werrej



6



16



24



29


6 Il-Knisja tal-Pater Noster [Eleona]

16 L-Ittra ta' San Ġakbu (4)

24 Eżekjel il-Profeta Tas-Simboli

29 Ġesù Ħobż tal-Ħajja

34 L-Isfond Lhudi Tar-Raba' Evanġelju




34

# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## X'RELAZZJONI GĦANDNA MA' ISRAEL?

Fit-30 ta' Lulju dehret fuq it-*Times of Malta* intervista li saret lill-Ambaxxatur Israeljan għal Malta Ze'ev Boker. Intervista interessanti li tixħet dawl fuq l-istat attwali tar-relazzjonijiet politiċi bejn Malta u l-iStat ta' Israel. Naraw fil-qosor dak li qal l-Ambaxxatur u nagħmlu analiżi tiegħu fid-dawl ukoll tal-importanza li Israel għandu mhux biss fix-xena politika, imma wkoll fil-kuntest tar-relazzjonijiet mar-reliġjonijiet differenti, inkluża l-preżenza Kattolika f'dik li għalina hi l-Art Imqaddsa.

Boker beda biex jinnota l-koperazzjoni bejn Malta u Israel fil-qasam ekonomiku u teknoloġiku. Mistoqsi dwar is-simpatija li Malta wriet lejn il-kawża Palestinjana, hu wieġeb li din mhix xi ħaġa li Israel iħares lejha b'mod negattiv, għalkemm fil-passat Malta kienet tivvota deċiżament kontra Israel. Hu sostna li l-Unjoni Ewropea m'għandhiex biss tħares lejn is-sitwazzjoni tal-Palestinjani, imma wkoll lejn it-theddid li s-soċjetà Israeljana taffaċċja minn elementi estremisti. L-*Israeli Defence Forces* ma jattakkawx persuni ċivili, imma biss infrastruttura militari u terroristi. Mistoqsi jekk ir-rispons tal-militari Israeljani għal atti ta' terrur huwiex sproporzjonat wieġeb li dan mhux il-każ. Il-mewt traġika tal-ġurnalista Palestinjana Kristjana Shireen Abu Aqleh fil-11 ta' Mejju 2022 (li sparaw fuqha suldati Israeljani) kienet sfortuna,



*L-Ambaxxatur Israeljan Ze'ev Boker*

imma saret investigazzjoni miftuħa dwar il-każ kemm minn Israel kif ukoll mill-iStati Uniti. L-Ambaxxatur qal li hu kien ħadem mal-Prim Ministru Yitzhak Rabin, u jista' jgħid li dan kien bniedem li fittex li jibni pontijiet mal-Palestinjani. Ħadd ma jista' jakkuża lil Israel li ma jfittixx toroq ġodda għall-paċi. L-Ambaxxatur insista li l-pajjiżi Ewropej, inkluża Malta, huma dejjem lesti li jikkundannaw lil Israel għall-użu ta' vjolenza li huma jqisuha sproporzjonata, imma ma jagħmlux l-istess ma' pajjiżi perikolużi bħall-Iran u s-Sirja, fejn nies ċivili huma ttorturati u maqtula kuljum.

Rigward il-gvern attwali ta' Israel, li fih koalizzjoni li għandha elementi nazzjonalisti estremi, Boker qal li l-kritika tal-President Joe Biden tal-iStati Uniti ma tistax tiġi interpretata bħala nuqqas ta' fiduċja fir-relazzjonijiet bilaterali eċċellenti bejn Israel u l-USA. Anke l-ħbieb jistgħu jkollhom mumenti ta' nuqqas ta' qbil f'opinjoni, imma dan ma jfissirx li mhumiex ħbieb. Meta ġie ippressat dwar dan Boker wieġeb li hu mhux ġurnalist li jinterpreta dak li jagħmel il-gvern Israeljan, imma hu diplomatiku li jaqdi lill-gvern Israeljan tal-ġurnata u li jrid jirrappreżentah, jaqbel jew ma jaqblix mal-politika tiegħu. Wara kollox, hu mhux qed jikkritika l-kompożizzjoni tal-gvern Israeljan kif lanqas dik tal-gvern Malti. L-ebda nazzjon fid-dinja ma hu mhedded fis-sigurtà tiegħu bl-istess mod li hu mhedded Israel.

Il-fatt li hemm 600 elf Israeljan li jokkupaw ix-Xatt tal-Punent (li bħala Israeljan Boker jirreferi għalih bl-ismijiet bibliċi Lhudija u Samarija) ma jistax jiġi kkundannat mingħajr ma wieħed jirreferi għall-isforzi kollha li għamel Israel favur il-paċi mal-Palestinjani. Saħansitra persuni moderati bħal Rabin ġew maqtula minn dak li hu sejjaħlu terrorist Israeljan, talli ħadmu biex il-kwalità tal-ħajja tal-Palestinjani titjieb.

Is-sitwazzjoni politika attwali f'Israel ma nistgħux niġġudikawha mingħajr ma niftakru li Israel jibqa' l-uniku Stat demokratiku fil-Lvant Nofsani, b'elezzjonijiet ħielsa kull erba' snin u b'sistema legali ta' ġustizzja u drittijiet umani bbażati fuq ftehim internazzjonali. Il-fatt li l-Israeljani jipprotestaw bl-eluf fit-toroq kontra l-gvern attwali hu prova ta' kemm Israel hu tassew pajjiż demokratiku.

Israel qed jipprova jibni relazzjonijiet tajbin anke mal-pajjiżi Għarab tar-reġjun, għax jemmen li din hi t-triq li twassal għall-paċi u s-sigurtà vera quddiem it-theddid nukleari ta' pajjiżi bħall-Iran. Il-ġurnaliżmu f'Malta jista' jkun aktar miftuħ għal dak li Israel qed jagħmel biex jinnormalizza relazzjonijiet anke ma' pajjiżi għedewwa bħall-Libanu, fil-kamp tar-riċerka tal-gass naturali, għax dan ikun ta' benefiċċju għalihom it-tnejn, u anke għal Malta, li tista' tibbenefika ekonomikament minn dan il-progress. F'kelma

oħra, jekk il-ġurnalisti Maltin ikunu aktar oġġettivi fil-mod kif jirrapportaw dak li jiġri f'Israel f'dawl globali ta' relazzjonijiet fir-reġjun tal-Lvant Nofsani, dan jista' jbiddel l-opinjoni pubblika dwar l-iStat ta' Israel.

L-impressjoni li wieħed jieħu minn din l-intervista li hi l-Ambaxxatur Israeljan Ze'ev Boker hu bniedem diplomatiku u moderat fl-affermazzjonijiet tiegħu. Fl-ebda parti mill-intervista ma tilef il-kontroll tad-diskussjoni. Minn dak li qal nistgħu naraw il-pożizzjoni tas-soltu li l-Israeljani jieħdu quddiem il-kritka li ssirilhom fil-kwestjoni tal-proċess ta' paċi mal-Palestinjani. Forsi Boker kellu ftit raġun meta afferma li, speċjalment fil-passat, Malta kienet turi simpatija unilaterali mal-Palestinjani, mingħajr ma twieżen b'mod oġġettiv ir-riperkussjonijiet tat-terroriżmu fuq is-soċjetà Israeljana. Illum il-politika Maltija nbidlet xi ftit, u filwaqt li Malta żżomm ċertu ekwilibriju fil-mod kif tibni relazzjonijiet ma' Israel u l-Palestina, li Malta tirrikonoxxihom bħala Stati sovrani, hu fatt li r-relazzjonijiet kummerċjali u teknoloġiċi ma' Israel żdiedu, u li dan wassal biex Malta u Israel saħħew ir-relazzjonijiet bilaterali tagħhom.

Forsi punt importanti li jmiss il-missjoni tagħna l-Franġiskani fl-Art Imqaddsa hu l-fattur tat-turiżmu. Min-naħa tal-Maltin huma eluf dawk li marru jew bħala turisti jew bħala pellegrini fl-Art Imqaddsa, u dan ifisser li żaru Israel u wkoll il-Palestina. In-numru ta' turisti Israeljani lejn Malta wkoll żdied, u dawn jinkludu kemm Israeljani Lhud kif ukoll Israeljani Għarab, li għandhom simpatija lejn il-kawża Palestinjana.

L-Ambaxxatur Boker ta l-impressjoni ta' diplomatiku li ma beżax ipoġġi fuq it-tapit xi elementi li huma problematiċi fir-relazzjoni bejn Malta u Israel. Imma t-ton ġenerali tal-intervista kien pożittiv, u dan jawgura tajjeb għall-futur, minkejja l-fatt li bħalissa l-gvern Israeljan għandu elementi li ċertament mhumiex intenzjonati tajjeb biex jaħdmu għall-paċi, filwaqt li t-tmexxija Palestinjana għaddejja minn kriżi ta' direzzjoni ċara li ma tnissilx tama li elementi estremisti fuq iż-żewġ naħat ma jkomplux jiddominaw ix-xena politika. Nittamaw li r-raġuni tirbaħ, u li bħala Maltin inħarsu lejn dan kollu b'mod intelliġenti u ekwilibrat.



Il-Wied ta' Kedron mill-Belt il-Qadima

# IL-KNISJA TAL-PATER NOSTER [ELEONA]

*Noel Muscat ofm*

*Knejjes Antiki meqruda f'Ġerusalemm*

Ftit passi 'l isfel mill-quċċata tal-Għolja taż-Żebbuġ, fejn hemm il-fdalijiet tal-Knisja tal-Axxensjoni, it-triq li tinżel u tinfired fi tnejn, naħa minnhom li tinżel lejn Betfaġe (kienet anke tasal sa Betanja qabel ma nbena l-ħajt ta' sigurtà bejn Ġerusalemm u l-kumplament tat-territorji Palestinjani), u naħa oħra li tinżel lejn il-Ġetsemani u l-Wied tal-Kedron. F'dan il-post hemm id-daħla taż-żona sagra li fiha kienet tinsab il-Knisja tal-*Pater Noster*, u l-kripta jew għar qaddis li fih il-Mulej għallem it-Talba tal-Missierna lill-Appostli. Illum minn din il-Knisja fadal biss xi ftit fdalijiet, imma l-għar qaddis għadu jeżisti u fih il-pellegrini jfakkru l-preżenza tal-Mulej li fuq l-Għolja taż-Żebbuġ kien jistkenn mal-Appostli f'dan l-għar, fejn kellimhom dwar l-aħħar żminijiet.



*Il-Kripta tal-Pater Noster*

## Il-Knisja Biżantina tal-*Eleona*

Fl-ewwel snin tas-seklu 4 dan l-għar fuq l-Għolja taż-Żebbuġ ġie identifikat mit-tradizzjoni Kristjana bħala l-Post li fih Ġesù kien jingħabar mal-Appostli u li minnu tela' s-sema. Fuq kollox dan il-Post kien marbut mal-profeziji ta' Ġesù dwar il-qerda tat-Tempju u t-tieni miġja tiegħu fl-aħħar żminijiet. Wara li l-Imperatur Kostantinu ta l-libertà lill-Kristjani fis-sena 313, u speċjalment wara li ommu Elena żaret l-Art Imqaddsa fis-sena 326, nafu li ftit snin wara, ċertament qabel is-sena 333, Elena hawnhekk bniet Knisja. Xhieda ta' dan insibuha fil-kitbiet tal-Pellegrin ta' Bordeaux u tal-istoriku Ewsebju ta' Ċesarija. Elena, fil-fatt kienet bniet tliet Bażiliċi fuq it-"tliet għerien mistiċi", jiġifieri l-Għar tan-Nattività f'Betleħem, l-Għar tal-Qabar ta' Kristu f'Ġerusalemm, u proprju hawnhekk, fl-Għar li fih il-Mulej kien jistkenn mal-Appostli fuq l- Għolja taż-Żebbuġ.

Meta l-pellegrina Egeria żaret l-Art Imqaddsa fis-



*Ġesù u l-adultera - Pieter Bruegel the Elder*

sena 384, it-tradizzjoni tal-Axxensjoni kienet ġiet spostata minn dan l-għar għall-quċċata tal-għolja, ftit 'il fuq, fejn Egeria tgħid li żaret il-Post tal-Axxensjoni fuq l-*Imbomon*, l-ogħla punta tal-Għolja taż-Żebbuġ. Ma nafux jekk dak iż-żmien kienx hemm diġà Knisja fuq l-*Imbomon*, għax Egeria ma ssemmix Knisja imma titkellem dwar Knisja fil-każ tal-*Pater Noster*, u tgħid li hawnhekk Kostantinu u Elena kienu bnew Bażilika sabiħa magħrufa bl-isem Grieg 'o 'Ελαίων (*Elaion*), kelma li tfisser 'Żebbuġ'. Minn hawn tnissel l-isem *Eleona*, li bih baqgħet magħrufa din il-Knisja.

Billi din kienet waħda mill-Bażiliċi kbar tal-Belt ta' Ġerusalem, din il-Knisja kellha parti importanti fil-liturġija ta' Ġerusalemm. Nafu li l-purċissjoni ta' nhar Ħadd il-Palm fl-era Biżantina kienet tibda mill-*Imbomon* u minn din il-Knisja. Kienu jsiru wkoll ċelebrazzjonijiet fiha nhar it-Tlieta u l-Ħamis tal-Ġimgħa Mqaddsa, kif ukoll nhar l-Għid il-Kbir u l-Ottava. Hawnhekk ukoll kienu jsiru ċelebrazzjonijiet fl-Erbgħat ta' wara l-Epifanija u l-Għid. Il-fatt li hawnhekk kienet tiġi ċċelebrata Ħamis ix-Xirka forsi kien marbut mat-twemmin li kien komuni fis-sekli 4 u 5, li din il-Knisja kienet inbniet fuq il-post li fih il-Mulej kien iċċelebra l-Aħħar Ċena.

Lejn is-sena 430 saru xi żjidiet mal-binja ta' din il-Knisja minn Santa Melanja ż-Żgħira, li hawnhekk bniet monasteru tan-nisa maġenb l-*Eleona*, kif ukoll monasteru tar-rħieb li kellhom juffiċjaw kemm f'din il-Knisja kif ukoll fil-Knisja tal-Axxensjoni.

Fis-seklu 6 l-Għar tal-*Pater Noster* u l-Knisja tal-*Eleona* kienu magħrufin ukoll bl-isem *Matzi*, jew *Matheteion*, jiġifieri "tad-dixxipli". Kien fil-*Matheteion* li madwar tlettax-il isqof u patrijarki ta' Ġerusalemm kienu jitfakkru, u xi wħud minnhom ġew saħansitra midfunin hemmhekk.

L-istoriku Eutychius jikteb li l-Knisja tal-*Eleona* nqerdet mill-Persjani fis-sena 614, u damet

meqruda għal bosta sekli, anke sas-seklu 10 meta hu kiteb l-*Annales*. Imma l-Lezzjunarju Gregorjan jgħarrafna li nhar is-16 ta' Diċembru kienet issir il-kommemorazzjoni tal-*Matheteion* "tal-imqaddsa Modestos u Zacharias ta' Ġerusalemm, li wara n-nirien [il-ħerba li ħallew il-Persjani], reġgħu bnew l-*Hagia Sion* u l-*Hagia Anástasis*, u l-*Katholikón* u l-knejjes l-oħrajn qaddisa." Dan kollu juri li l-Knisja tal-*Eleona* forsi ma kinetx meqruda għal kollox, jew inkella li kienet waħda mill-knejjes li reġgħu nbnew minn dawn il-Patrijarki. Lejn tmiem is-seklu 7 hemm dokumenti li jitkellmu dwar l-*Eleona* bħala Knisja li kienet għadha wieqfa, kif jagħmel ukoll Eutychius fis-seklu 10.

Il-Knisja "li fiha Kristu għallem lid-dixxipli" tissemma wkoll fil-*Commemoratorium de Casis Dei*, kitba li saret madwar is-sena 808, u jingħad li kienet uffiċjata minn tlitt irħieb u qassis. Din forsi tista' tirreferi wkoll għall-Knisja ta' San Ġwann, marbuta mal-laqgħa ta' Ġesù mal-mara adultera, rakkont li Ġwann 8,1-11 jambjentah fuq l-Għolja taż-Żebbuġ. F'din il-Knisja Bernard ir-Raħeb kien ra rħama fis-sena 870, li fuqha kien hemm il-kitba li Ġesù kien ħażżeż fuq l-art meta l-adultera ġiet akkużata mill-kapijiet Lhud. Il-knejjes l-oħrajn fuq l-Għolja taż-Żebbuġ li jissemmew il-*Commemoratorium* kienu jinkludu l-Knisja tal-Axxensjoni u l-monasteru ta' San Pietru u San Pawl *in Bisanteo*, li kellu 35 irħieb u li x'aktarx kien monasteru Benedittin li kien twaqqaf fi żmien Charlemagne. Fuq l-Għolja taż-Żebbuġ kien hemm ukoll diversi eremiti li kienu jgħixu f'għerien u ċelel maqtugħin għalihom, u jissemmew eremiti li kienu jitolbu bil-Grieg, bil-Ġorġjan, bis-Sirjak, bl-Armen, bil-Latin u bl-Għarbi. Dan ifisser li l-Għolja taż-Żebbuġ kienet meqjusa bħala Post qaddis ta' ġabra fl-era Biżantina u anke wara, u dan fuq l-ispirazzjoni li kienet tiġi mill-eżempju ta' Kristu li kien jinġabar fuq din l-għolja u jistkenn bil-lejl fl-għerien flimkien mal-Appostli. Fil-fatt nafu li, barra minn dan l-Għar tal-*Pater Noster*, hemm ukoll l-Għar tal-Appostli, qrib tal-Ġetsemani u l-kripta ta' Santa Marija tal-Wied ta' Ġosafat, li wkoll iħares it-tradizzjoni ta' Ġesù li kien jiskenn f'dan l-għar fejn kien jintagħsar iż-żebbuġ, u li fih kellu l-laqgħa bil-lejl ma' Nikodemu (Ġw 3) u fejn ukoll bil-lejl Ġuda wasal biex jittradih qabel il-passjoni.


*L-Aħħar Ċena - Dieric Bouts*



*Karlu Manju*

Dan kollu jurina kemm l-Għolja taż-Żebbuġ kienet tassew żona sagra fl-era Biżantina, u dan minħabba l-fatt li hemmhekk kien hemm diversi knejjes importanti li jfakkru ġrajjiet għeżież fil-ħajja ta' Ġesù.

Billi dawn il-knejjes, l-aktar dik tal-Axxensjoni u din tal-*Eleona* kienu jinsabu barra mill-ħitan ta' Ġerusalemm, kien aktar faċli li, f'każ ta' assedju u gwerra jiġu attakkati u meqrudin, kif fil-fatt ġara bosta drabi fl-istorja.

Il-ħerba li ħallew il-Persjani, kif rajna, ma kinetx totali, għax għandna xhieda li l-Bażilika tal-*Eleona* kompliet tintuża anke fis-sekli ta' wara, ukoll wara li l-Biżantini tilfu Ġerusalem fis-sena 638. X'aktarx li l-qerda kważi totali ta' din il-Bażilika imponenti fuq l-Għolja taż-Żebbuġ seħħet meta l-Kaliff Fatimita Xi'ita tal-Eġittu Al-Ħākim bi-Amr Allah fit-18 ta' Ottubru 1009 ordna li tinqered il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu u bosta knejjes oħrajn f'Ġerusalemm. Din il-ġrajja ħalliet il-Bażilika tal-*Eleona* fi stat tal-biki, li minkejja l-era Kruċjata li ġiet wara dan il-perjodu ikrah, qatt ma setgħet tqum minnha u terġa' għall-ġmiel li kellha bħala waħda mill-isbaħ Knejjes fl-era Biżantina.

## Il-Knisja tal-*Eleona* fl-era Kruċjata

Meta l-armata tal-ewwel Kruċjata assedjat Ġerusalemm f'Lulju 1099, kien għad hemm l-eremiti fuq l-Għolja taż-Żebbuġ. X'aktarx li l-monasteri li kienu twaqqfu fi żmien Charlemagne fl-istess postijiet tal-Axxensjoni u l-*Eleona* fejn qabel kien hemm monasteri Biżantini, ma kinux għadhom weqfin. Id-deskrizzjoni li jagħti Bartolf ta' Nangis fl-1099 issemmi l-Post fuq l-Għolja taż-Żebbuġ fejn Ġesù għallem lill-Appostli t-talba

tal-Missierna. Hu jsemmi Knisja f'din iż-żona, li x'aktarx aktar tirreferi għall-*Eleona* milli għall-Knisja tal-Axxensjoni, għax hu jgħid li f'din il-Knisja kien hemm bosta oqbra ta' nies qaddisin. Albert ta' Aachen jikteb li t-tberik taż-żjut nhar Ħamis ix-Xirka tas-sena 1011, immexxi mill-Legat Papali Maurizio, Kardinal u Isqof ta' Porto, kien sar fuq l-Għolja taż-Żebbuġ. Forsi dan ġara għax, kif rajna, l-Post tal-*Eleona* kien antikament assoċjat mal-Aħħar Ċena, għalkemm jista' jagħti l-każ li dan l-awtur ħallat l-*Eleona* mal-*Hagia Sion*, fejn jinsab iċ-Ċenaklu. It-*Typikon* tal-Qabar ta' Kristu, datat għas-seklu 10, jgħid li l-Patrijarka ta' Ġerusalemm kien iżur l-*Eleona* nhar Ħamis ix-Xirka, u hemm kien jinqara l-Evanġelju ta' Ġesù li jgħallem lill-Appostli t-talba tal-Missierna.

Minkejja dan kollu, nafu mill-pellegrin Saewulf li żar dan il-Post fl-1102-3, li fil-bidu tal-era Kruċjata l-Knisja ta' *Eleona* kienet imġarrfa. Hu jikteb:

"Daqs tefgħa ta' ġebla bogħod [mill-Post tal-Axxensjoni] l-Mulej kiteb it-Talba tal-Missierna b'subgħajh bil-Lhudi fuq ir-rħam, kif jgħidu l-Assiri; hemmhekk ukoll inbniet Knisja mill-isbaħ, imma wara din ġiet meqruda għal kollox mill-pagani, kif ġralhom il-knejjes l-oħrajn kollha li kienu barra l-ħitan [ta' Ġerusalemm]." Kif diġà rajna, din il-qerda seħħet fl-1009 wara l-ordni tal-Kaliff Al-Hākim.

L-Abbati Danjel, fl-1106-8, jitkellem dwar l-*Eleona*, u jgħid: "Hawnhekk inbniet Knisja kbira li għandha għar taħt l-altar, li fih Kristu għallem lid-dixxipli kif jitolbu l-'Missierna'. Minn hawnhekk sal-quċċata tal-Għolja taż-Żebbuġ, il-post tal-Axxensjoni tal-Mulej, hemm distanza ta' 90 driegħ [163 metri]."

Il-Knisja tal-*Eleona* tissemma wkoll mill-awtur ta' *de Situ Urbis Ierusalem*, kitba Kruċjata tas-snin qabel l-1114. Il-Knisja kbira li ra l-Abbati Danjel kienet x'aktarx il-Bażilika tal-*Eleona* li kienet inbniet minn Kostantinu u Elena, imma din nafu li kienet imġarrfa għal kollox, u għalhekk dan il-pellegrin Russu minn Kiev seta' ra biss il-pedamenti u xi ftit fdalijiet, kif għadha tidher sal-lum. Jista' jkun, iżda, li kienet teżisti xi forma ta' kappella f'dan il-Post, li inbniet fl-ewwel snin tas-seklu 12, jiġifieri fil-bidunett tal-era Kruċjata fl-Art Imqaddsa.

Fl-1152, Sven Svendson, isqof ta' Viborg fid-Danimarka, u ħuh Eskil, kmandant tal-flotta Daniża, sabu Knisja fqajra fil-Post tal-Għar tal-Missierna fuq l-*Eleona*. Għalkemm kienu gwerriera, id-dehra ta' dan il-Post kien okkażjoni ta' konverżjoni, u t-tnejn baqgħu l-Art Imqaddsa u wara li mietu ndifnu, kif kienu xtaqu, fil-Knisja tal-*Eleona*. Dwarhom Conrad ta' Everbach jikteb li huma ħadmu biex dik il-kappella jħottuha u flokha jibnu Knisja akbar u aktar eleganti, li fiha mbagħad ġew midfuna lejn is-snin 1152-53.

Il-Mappa ta' Cambrai (c. 1150) turi Knisja fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, lejn il-lemin tal-mogħdija li kienet tinżel mill-Knisja tal-Axxensjoni għall-Ġetsemani. Il-kronista Għarbi Al-Idrīsī wkoll jirreferi għal din il-Knisja fl-1154: "Fit-triq li tinżel l-Għolja taż-Żebbuġ hemm Knisja mill-isbaħ u mibnija b'ġebel b'saħħtu, li tissejjaħ il-Knisja tal-*Pater Noster*."

Pellegrin ieħor li żar il-Knisja fl-1170 jikteb li taħt l-altar kien hemm ġebla li fuqha Kristu kien kiteb il-Missierna bil-Grieg. Fl-1172 Theodoric jiddeskrivi l-Knisja tal-*Eleona* u jgħid li kienet tinsab mal-ġenb tal-Għolja taż-Żebbuġ, fejn kienet tibda t-triq li tinżel lejn Betanja. Isemmi l-kitba tat-talba tal-Missierna minn Ġesù, li kienet meqjuma taħt l-altar tal-Knisja, u jgħid li f'nofs il-Knisja kien hemm 30 tarġa li kienu jwasslu fl-għar-kripta li fih il-Mulej kien joqgħod jgħallem lill-Appostli.

Il-Grieg Ġwanni Phocas, li żar Ġerusalemm fl-1177,

jikteb li daħal fil-Knisja tal-Axxensjoni u fil-kappella fejn hi midfuna Santa Pelaġja, u jżid : "Hemm Knisja oħra, fejn il-Mulej għadda lid-dixxipli t-talba tal-'Missierna'. Fuq ix-xellug tal-belt [Knisja] hemm monasteru tal-Latini, li nbena fuq il-pedamenti ta' monasteru ieħor li kien inbena mill-meqjuma Melania."

Hu possibbli li l-bini tal-monasteru li ra Phocas kien dak tal-Abbazija Latina tal-Axxensjoni fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, li kien jinsab lejn it-tramuntana tal-*Eleona*. Ir-rabta intima bejn dawn iż-żewġ knejjes, li kienet ilha evidenti mill-era Biżantina, jidher li kompliet ukoll fl-era Kruċjata. Il-Knisja tal-Axxensjoni, iżda, tidher li kienet l-aktar importanti mit-tnejn. Fil-fatt, nhar jum l-Axxensjoni l-Patrijarka ta' Ġerusalemm kien imur fuq l-Għolja taż-Żebbuġ imexxi purċissjoni. Din il-purċissjoni kienet tieqaf l-ewwel fil-Knisja tal-*Pater Noster*, jew *Eleona*, fejn kien jiltaqa' kulħadd, u wara li l-ministri sagri kienu jilbsu l-paramenti, kienu jkomplu f'purċissjoni lejn il-Knisja tal-Axxensjoni.

Il-purċissjoni ta' nhar Ħadd il-Palm, li kienet tibda minn Betanja, kienet tgħaddi maġenb il-Knisja tal-Axxensjoni u dik tal-*Eleona*, qabel tibda nieżla lejn il-Wied tal-Kedron biex titla' lejn Ġerusalemm, kif fil-fatt għada ssir illum ukoll.

## Il-Knisja tal-*Eleona* wara t-tmiem tal-era Kruċjata

Ma għandniex informazzjoni dwar jekk il-Knisja tal-*Eleona* ġietx meqruda wara l-1187. Għalkemm Wilbrand ta' Oldenburg jikteb li l-monasteri (*claustra*) fuq l-Għolja taż-Żebbuġ kienu meqrudin meta hu żar Ġerusalemm fl-1211-12, x'aktarx li hu kien qed jirreferi biss għall-Knisja tal-Axxensjoni, u fil-fatt iħawwad il-Knisja tal-*Pater Noster* mal-Knisja tal-Agunija tal-Mulej fil-Ġetsemani. Fl-1283 Burchard tal-Għolja ta' Sijon jikteb:

"Fuq l-istess muntanja, lejn in-nofsinhar [ta' Santa Pelaġja], inqas minn tefgħa ta' ġebla bogħod, hemm Knisja oħra, li tissejjaħ id-Dar tal-Ħobż, fejn il-Mulej għallem lid-dixxipli jitolbu u fejn hu kiteb it-Talba tal-Missierna fuq ġebla."

Il-Knisja tal-*Eleona* jsemmiha wkoll Ludolph ta' Sudheim fl-1336-41, imma għandna l-ewwel xhieda li kienet meqruda mill-Franġiskan Patri Nicolò di Poggibonsi, fil-*Libro d'Oltremare*, miktub fl-1345-50:

"Fuq il-lemin tat-triq hemm ħajt li jiġi fuq Knisja, imma llum din hi meqruda u ma fadal xejn minnha għajr il-paviment tal-ġebel. Taħtha hemm ġiebja, u lejn il-punent, fuq il-ħajt, hemm ġebla kbira li fuqha wieħed jista' jara miktubin il-kelmiet tat-Talba tal-Mulej."

Jidher li din il-ġiebja kienet tagħmel parti mill-Bażilika Kostantinjana tal-*Eleona*, u li x'aktarx kienet tinsab fid-daħla (*atrium*) tal-istess Bażilika. Giacomo di Verona jgħid li, barra mill-ġiebja u l-ġebla bit-Talba tal-Mulej, kien hemm ukoll ġebla oħra li kienet tfakkar il-Post li fih Ġesù beka fuq Ġerusalemm (Lq 19,42) u ħabbar il-qerda tagħha. Jgħid ukoll li fuq l-Għolja taż-Żebbuġ kien hemm Knisja żgħira li fiha l-Appostli kienu jiltaqgħu u fejn ifformulaw is-*Symbolum*, jew il-Kredu tal-Appostli, bit-tnax l-artiklu tal-fidi.

Il-pellegrin Felix Faber (1483-84) jiddeskrivi l-Knisja tal-*Eleona* (li kienet ukoll magħrufa bl-isem ta' Knisja ta' San Mark, forsi minħabba r-rabta mal-isem Grieg *Matheteion*) u jgħid li kienet Knisja kbira imma mġarrfa għal kollox. Hu wkoll isejħilha "d-dar tal-ħobż." Din il-Knisja mġarrfa kompliet tiġi indikata bħala l-post li fih l-Appostli sawru l-Kredu u fejn il-Mulej għallimhom it-Talba tal-Missierna.

## Tentattiv biex tinbena mill-ġdid il-Knisja tal-*Eleona*

Mill-1850 in-nies lokali li bdew jibnu djar fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, bdew jieħdu ħafna mill-ġebel u fdalijiet antiki li kien hemm fil-Knisja mġarrfa tal-*Eleona*, inklużi korniċuni, kapitelli Korinzi u kolonni, u bdew jinnegozjaw dan il-ġebel storiku biex jintuża fil-bini tal-oqbra Lhud li hemm fil-Wied ta' Ġosafat. B'hekk il-Knisja tal-*Eleona* sfat meqruda b'mod sistematiku u sal-lum ftit huma l-fdalijiet li wieħed jista' jara meta jżur dan il-Post Qaddis.

Bejn l-1857 u l-1868, Aurelia Bossi, prinċipessa De Le Tour ta' Auvergne u dukessa ta' Bouillon, irnexxielha tibda tixtri l-proprjetà tal-Knisja tal-*Eleona*. Hi offriet il-parti tal-punent lill-gvern ta' Franza, li offrieha lill-White Fathers, kif kien għamel ukoll fil-każ tal-Knisja ta' Sant'Anna f'Ġerusalemm. Fuq in-naħa tal-lvant hi bniet kjostru u kappella bejn l-1870 u l-1872 u offriethom lis-Sorijiet Karmelitani ta' Carpentras (Vaucluse). Li ma kinetx taf kien li, taħt din iż-żona kien hemm ix-*chevet* tal-Knisja tal-*Eleona*, jiġifieri l-abside nofs tond bil-kolonni, li bejniethom kien hemm kappelli żgħar madwar l-istess abside. Imma, waqt li kien qed isir ix-xogħol tal-bini tal-kjostru ħareġ għad-dawl l-Għar qaddis li fih il-Mulej għallem lill-Appostli t-Talba tal-Missierna. Dan kien jinsab fil-livell tal-kripta taħt l-altar maġġur tal-Knisja tal-*Eleona*. Matul dawn ix-xogħlijiet din il-kripta ġiet mirduma u fuqha nbena l-kjostru tal-Karmelitani.

Fl-1910-11 saru skavi fiż-żona tal-White Fathers. Il-fdalijiet tal-Knisja antika tal-*Eleona* kienu ftit u rovinati għal kollox. Saru wkoll skavi fil-kjostru tas-Sorijiet Karmelitani, u reġa' ħareġ għad-dawl l-Għar qaddis tal-*Pater Noster*. Sfortunatament, matul l-Ewwel Gwerra Dinjija dan is-sit sar post li fih ġew



*Is-Santwarju tal-Pater Noster*

stazzjonati suldati Torok u Ġermaniżi, u dawn qalgħu ġebel antik mill-Għar biex bnew kċina. Fit-2 ta' Jannar 1920 tqiegħdet l-ewwel ġebla biex tinbena mill-ġdid il-Knisja tal-*Eleona* fuq il-pedamenti tal-Bażililka Kostantinjana. Din il-Knisja kellha tiġi ddedikata lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Bejn l-1927-28 il-parti tal-punent tal-kjostru tas-Sorijiet Karmelitani tħattet biex hekk seta' jiġi restawrat l-Għar u fuqu tinbena l-abside tal-Knisja l-ġdida. Fl-1933 inbena kjostru ieħor wara l-post fejn kellu jkun hemm l-abside, kjostru li għadu jeżisti sal-lum u li fih hemm imwaħħlin diversi *maioliche* tat-Talba tal-Missierna f'diversi lingwi, inkluża verżjoni bil-Malti tal-1936. Imma l-Knisja l-ġdida qatt ma nbniet, u sal-lum għadu jidher biss il-paviment tal-presbiterju fuq l-Għar qaddis imdawwar mill-arkati tal-kjostru tas-Sorijiet Karmelitani. Fuq wara nbniet Knisja tal-monasteru tal-istess Sorijiet. Xi fdalijiet tal-Bażilika Kostantinjana tal-*Eleona* għadhom jidhru fil-parti tal-punent tal-presbiterju, bejn l-Għar u l-faċċata parzjalment mibnija tal-Knisja li kienet ippjanata.

Fis-sena 2011 l-arkeoloġi Dumnikani tal-École Biblique et Archéologique Française de Jérusalem mexxew kampanja ta' skavi fiż-żona tal-Bażilika Kostantinjana tal-*Eleona*, fejn kien hemm fdalijiet ta' binjiet diversi, fosthom monasteri. L-iskavi saru taħt il-patroċinju tal-Konsolat Ġenerali tar-Repubblika ta' Franza, li hi l-proprjetarja taż-żona tal-Knisja tal-*Eleona*, jew tal-*Pater Noster*.

## Is-Santwarju tal-*Pater Noster* illum

Id-daħla għall-fdalijiet tal-Knisja tal-*Pater Noster* jew tal-*Eleona* jinsabu ftit distanza 'l isfel mill-quċċata tal-Għolja taż-Żebbuġ, fejn it-triq tinżel fuq in-naħa l-waħda lejn ir-raħal ta' Betfaġe, fejn hemm is-Santwarju li jfakkar it-tluq ta' Ġesù lejn Ġerusalemm nhar Ħadd il-Palm, u n-naħa l-oħra lejn il-panorama fuq il-belt ta' Ġerusalemm, li minnha taqbad it-taraġ u n-niżla wieqfa lejn il-Wied tal-Kedron u l-Ġetsemani.

Il-pellegrin jidħol l-ewwel fiż-żona li kienet antikament okkupata min-navata ċentrali tal-Bażilika Kostantinjana ta' *Eleona*. Illum minn din il-Bażilika ma jidher xejn, ħlief xi bażi ta' ħitan u kolonni. Imma wieħed jista' jieħu idea tal-kobor ta' din il-Knisja meta jilmaħ il-ħitan li nbnew meta kien hemm il-proġett li din il-Knisja terġa' tinbena. Hemm ukoll faċċata bi tliet fetħiet għall-bibien. Barra din il-faċċata kienu saru l-iskavi reċenti fuq il-fdalijiet tal-bini li kien hemm maġenb il-Knisja tal-*Eleona*. Instabu wkoll xi fdalijiet tal-paviment mużajkat tal-Bażilika.

Lejn il-lvant imbagħad hemm turġien li jwassluk fuq il-kjostru li nbena fiż-żona li fiha kien hemm il-presbiterju u l-abside forma ta' *chevet* li semmejna aktar 'il fuq. Din il-pjattaforma nbniet fuq il-kripta antika tal-Knisja, li kienet ġiet mirduma meta sar il-bini tal-kjostru. L-unika parti li għadha teżisti hi l-Għar tal-*Pater Noster*, li hemm taħt il-presbiterju, pjuttost orjentat fid-direzzjoni tax-xlokk. Dan hu l-aktar Post qaddis li għadu venerat bħala l-Post li fih il-Mulej għallem lill-Appostli t-Talba tal-*Pater Noster*, u fejn kellimhom dwar il-qerda ta' Ġerusalemm u l-aħħar żminijiet. L-Għar oriġinali kien madwar 7 metri twil u kellu abside ta' 3 metri. Fuq il-punent kellu wkoll passaġġ li jwassal għall-kripta funerarja, imma din kienet ġiet mirduma u l-passaġġ hu mblukkat. L-Għar innifsu ġie wkoll mimsus f'diversi partijiet u illum fadal biss ftit mill-Għar oriġinali. Madankollu dan il-Post joffri dehra tal-fatt li l-Għolja taż-Żebbuġ kienet mimlija għerien naturali, li fihom kien faċli li Ġesù u l-Appostli jsibu kenn bil-lejl kull meta kienu jaslu Ġerusalemm, l-aktar meta l-Belt kienet tkun iffullata

bin-nies fil-festi kbar tal-Lhud. F'dan l-Għar hi drawwa li l-pellegrini jitolbu u jkantaw it-Talba tal-*Pater Noster*, li hi t-Talba tipika tal-Kristjani.

Meta l-pellegrini jduru mal-ambulatorju li hemm madwar il-kjostru jiltaqgħu ma' diversi verżjonijiet bil-lingwi kollha tad-dinja li jġibu l-kliem tal-*Pater Noster*. Il-verżjoni bil-Malti, li saret fl-1936, tinsab fost l-ewwel grupp li wieħed jiltaqa' miegħu fid-daħla tal-lemin tal-ambulatorju tal-kjostru. Kif għidna hi miktuba b'Malti taljanizzat, billi saret fi żmien meta ma kienx għadu ġie stabbilit il-Malti grammatikali kif nafuh illum. Maż-żmien ġew miżjudin diversi *maioliche* oħrajn b'kull tip ta' lingwa u djaletti, anke dawk mhux nazzjonali.

F'nofs l-ambulatorju tal-kjostru wieħed jista' jżur ukoll il-Knisja tas-Sorijiet klawstrali Karmelitani, fi stil gotiku sempliċi, li sservi bħala l-Knisja tal-monasteru tagħhom, li l-kampnar tagħha jidher ukoll jispikka fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, speċjalment meta wieħed ikun tiela' minn Betfaġe. Il-Knisja ħiemda u l-ambjent mimli siġar u fjuri jagħtu lil dan is-Santwarju d-dehra kontemplattiva tiegħu, li tfakkar lill-pellegrini fil-valur tat-talb fil-ħajja Kristjana, fuq l-eżempju ta' Ġesù li kien jinġabar f'dan il-Post Qaddis biex jitlob lill-Missier u jgħallem lill-Appostli kif jitolbu.

## Riferenzi

Denys Pringle, *The Churches of the Crusader Kingdom of Jerusalem. A Corpus*. Volume III. *The City of Jerusalem*, Cambridge University Press 2007, 117-124.



# L-ITTRA TA' SAN ĠAKBU (4)

*"Hemm xi ħadd marid fostkom? Ħalli dan isejjaħ lill-presbiteri tal-Knisja; u ħalli dawn jitolbu għalih u jidilkuh biż-żejt f'isem il-Mulej: it-talba tal-fidi ssalva lill-marid, u l-Mulej iqajmu; u jekk ikun għamel xi dnubiet jinħafrulu" (Ġakbu 5:14-15)*

**_Fr Charles Buttigieg_**

## Teoloġija Biblika

### Alla u l-Kristoloġija ta' Ġakbu

It-titlu ta' Alla 'ho theos' insibuh 16-il darba. It-titlu ta' 'kyrios' (Mulej) li nsibuh 8 darbiet fl-ittra jirriferi mhux biss għal Alla imma wkoll għal Kristu. L-ittra tara lil Alla bħal Ħallieq u Missier ta' l-univers (1:16-18). Ħalaq l-univers liberalment permezz tal-kelma tiegħu: "Għax ried hu, wilidna bil-kelma tal-verità, biex inkunu l-ewwel frott tal-ħlejjaq tiegħu" (1:18). L-ispirtu ta' Alla jgħix fil-bniedem (3:9 u 4:6). Għal Ġakbu Alla huwa wieħed u veru kif naraw f'2:19: "Inti temmen li Alla huwa wieħed, u tagħmel sew. U dan ix-xjaten ukoll jemmnuh, u jitriegħdu". Minnu joħroġ biss it-tajjeb: "Kull ħaġa tajba li tingħata u kull don perfett jiġi mis-sema, jinżel mingħand il-Missier, l-għajn tad-dawl, li fih ma hemm ebda tibdil u anqas dell ta' tidwir." (1:17). Huwa qrib il-bniedem (4:7) u jisma' t-talba tal-bniedem: "Jekk xi ħadd minnkom jonqsu l-għerf, għandu jitlob lil Alla, li jagħti lil kulħadd b'id miftuħa u bla ma jċanfar lil ħadd, u jagħtihulu." (1:5, ara ukoll 5:15-17). Huwa twajjeb u jħenn: "Dawk li żammew sħiħ sal-aħħar, araw, aħna nqisuhom bħala hienja. Smajtu bis-sabar ta' Ġob, u tafu kif bl-għajnuna tal-Mulej hu għalaq jiem ħajtu; għax il-Mulej jaf jagħder, u hu ħanin bil-bosta." (5:11). Jaħfer id-dnubiet: "it-talba tal-fidi ssalva lill-marid, u l-Mulej iqajmu; u jekk ikun għamel xi dnubiet, jinħafrulu" (5:15). Iħobb il-ġustizzja socjali (2:7), jagħżel il-foqra (2:5) u jrid li jkunu rispettati (2:3-16). Minnu tiddependi l-ħajja preżenti, kif ukoll dik futura (4:12-15). Huwa fuq kollox l-Leġiżlatur u l-Imħallef: "Wieħed biss huwa dak li jagħmel il-Liġi, wieħed biss l-Imħallef: dak li għandu s-setgħa jeħles u jeqred. Int min int biex tiġġudika 'l ħaddieħor?" (4:12). Alla jissejjaħ 'pater', Missier', f'1:17; 1:27 u 3:9 ('pater ton photon') b'rabta ma' Alla Ħallieq (ħalaq id-dawl; ara Salm 136:7 u Ġob 38:28). Huwa ħalaq kollox u għamel il-bniedem fuq ix-xbieha tiegħu kif naraw f'3:9. Hemm xebh ukoll fil-kuntest ta' bejn Ġakbu 5:4 ('eis ta ota kuriou sabaoth') u Isaija 5:9 u Ġakbu 1:10-11 ma' Isaija 40:6-7. Fil-fatt 'Kurios sabaoth' (il-Mulej tal-Eżerċti) insibuh 64 darba fis-LXX, li 52 minnhom jinsabu fil-ktieb ta' Isaija. Rigward l-Ispirtu s-Santu San Ġakbu jirreferi għalih meta jitkellem mill-għerf li jissemma ħafna drabi mal-fidi u mal-ħajja morali tan-nisrani kif naraw f'3:13 ('sophos') u 3:13-17 ('sophia'). Rigward dan Kirk jikteb: "we have found a limited and yet significant number of passages in which either Wisdom and Spirit are directly identified or they are said to have the same function, or Wisdom becomes the supreme and overriding gift of the Spirit." Waqt li hawnhekk Davids isostni: "James has a wisdom pneumatology, for wisdom in James functions as the Spirit does in Paul: wisdom helps one stand, delivers one from the flesh ('epithumia' in James) and produces the fruit of the Christian life."

Fl-Ittra ta' Ġakbu hemm riferenza għal Kristu f'1:1; 2:1; 2:7; 5:7; 5:8; 5:9; 5:14; u 5:15. Huwa l-Mulej Ġesu Kristu (1:1), il-Mulej tal-glorja (2:1), il-Mulej (5:8) u l-Imħallef: "tgergrux kontra xulxin, l-aħwa, biex ma tkunux iġġudikati: araw, l-Imħallef qiegħed hawn, quddiem il-bieb" (5:9). Il-formula: 'Kyrios Iesous Christos', insibuha f'1:1: "Ġakbu, qaddej ta' Alla u tal-Mulej Ġesù Kristu", u 2:1: "Ħuti, tħalltux il-fidi f'Ġesù Kristu, il-Mulej tagħna tal-glorja, mal-ħarsien lejn l-uċuħ." L-isem ta' Ġesu Kristu narawh mela fil-fatt darbtejn fl-ittra f'1:1 u 2:1. Il-fidi ('pistis') hija marbuta fuq kollox kif ser naraw ma' Ġesu' Kristu, il-Mulej tal-glorja, u lejn Kristu Rxoxt (1:1 u 2:1).

### Il-Fidi u l-Opri

Hemm realtà radikata fin-natura tal-bniedem, li

l-bniedem iħossu li għandu għatx kbir għaliha. Liema rejaltà mhix xi waħda tanġibbli, imma hija waħda traxxendentali u misterjuża. Dan il-misterjuż ezistenti huwa fenomenu universali u fuq kollox, Hu biss jagħti l-veru sens tal-ħajja lil kull bniedem li hawn fid-dinja. U hawnhekk, li l-bniedem jagħraf il-limiti tiegħu u jħoss il-bżonn ta' rejaltà superjuri li aħna nsejħulha: Alla. Dan huwa process ta' imħabba diżinteressata min-naħa t'Alla, li rrivela "il-pjan kollu mħabba tiegħu" (ara 1 Timotju 6:20; 2 Timotju 1:12-14 u Konċilju Vatikan II, 'Dei Verbum', 9.); u għalhekk qiegħed jagħmel stedina ta' fidi biex il-bnedmin kollha jgħixu din l-istess imħabba. Din il-fidi biblika naraw kontinwament f'diversi personaġġi bibliċi kif naraw fil-Ktieb tal-Għerf 18: 1-4. Il-Patrijarka Abraħam huwa l-Missier tal-fidi fejn Alla nnifsu għaddih mill-prova tal-fidi meta talbu s-sagrifiċċju ta' ibnu Iżakk (ara Ġenesi 15:6).

Din il-fidi twassal lill-bniedem għat-tama fl-eternità fejn il-bniedem jgħix bl-imħabba mal-istess Imħabba, li hu Alla. Il-filosofija griega kienet imdawla minn diversi konċetti, per eżempju: id-dawl 'phos', il-liġi 'nomos' u l-kelma 'logos'. Iżda fuq kollox fl-ebrajk insibu l-kelma 'aman' u 'amin' li tfisser 'tkun sod' jew 'stabilità', 'sikurezza' billi tistrieħ fuq ħaddieħor, u li minn hawnhekk ġejja l-kelma universali 'Amen'. Kliem ieħor ebrajk marbut mal-fidi huwa 'munah', 'hesed', 'chasah', 'yichel', 'batah', u 'neeman'. Fl-assirjak insibu 'temenu' (bil-malti 'temmen) li tfisser 'pedament' u bis-sirjak 'temenu' tfisser 'ħobż ta' kuljum' – (bil-malti 'togħma'). Fl-etjopiku nsibu 'amena' li tfisser 'fiduċja'.

Fil-Ġdid Testment il-kelma 'pistis' għall-fidi tinsab 243 darba. Fil-grieg 'apistos, 'apistia' jew 'apeiseia' tfisser 'nuqqas ta' fidi' u tinsab 67 darba fil-Ġ.T. Kristu jibda proprju l-missjoni tiegħu ta' tagħlim sabiex il-poplu jindem u jemmen kif naraw f'Mark 1:14-15: "Ġesù mar il-Galilea jxandar l-Evanġelju ta' Alla u jgħid: "Iż-żmien



huwa mitmum, u s-Saltna ta' Alla waslet; indmu u emmnu fl-Evanġelju." San Pawl jgħidilna li l-fidi hija f'Alla (1 Tessalonkin 1:8), nemmnu fil-vanġelu (Filippin 1:27 u 1 Tess 2:4), hija fidi fil-verita' (2 Tess 2:12-13), ngħixu għal Alla (Galatin 2:19), fidi fid-demm ta' Kristu (Rumani 3:25) u għalhekk twemmin fi (bil-grieg: 'eis', li tindika moviment lejn) Kristu (Fillipin 1:21 u 2 Timotju 1:12). San Wistin jgħid li l-fidi għandha l-għajnejn: 'habet oculos fides'; waqt li San Tumas jikteb l-istess fejn jgħid l-fidi li għandha l-għajnejn: 'oculata fides'. Huwa jgħid ukoll: "faith is the habit of mind by which eternal life is begun in us, making the intellect assent to things that do not appear". Għalhekk hija meħtieġa ħafna l-fidi, li l-Vatikan l-Ewwel isejħilha: "the full homage of intellect and will to God who reveals" (DS 3008); "The Catholic Church professes that this faith, which is the "beginning" of human salvation" (see Trent, DS 1532), is the supernatural virtue whereby, inspired and assisted by the grace of God, we believe that what he has revealed is true, not because the intrinsic truth of the contents is seen by the natural light of reason but because of the authority of God himself, the revealer, who can neither be deceived nor deceive." (DS 3008).

Importanti li ngħidu li l-iktar formula antika tal-fidi hija dik li nsibu fil-Kredu tal-Appostli, (ara Mt 28:19). San Ċirillu ta' Lixandra jikteb: "Il-fidi fi Kristu tnissel l-ogħla forma ta' ndiema". San Irinew ta' Lyons jikteb: "Il-fidi hija teżor imprezzabbli li rridu nibżgħu għalih u nħarsuh bla waqfien għax huwa l-ikbar rigal li rċevejna mingħand Alla u li jrid jiġġedded u jikber fina kostantament".

San Ġakbu jagħti importanza kbira lill-fidi, iżda għalih element importanti tal-fidi hija li għandha tkun marbuta mal-atti tal-karita' u li wieħed jgħin lill-fqir (fidi operattiva; 1:21-27 u 2:14-26). In-nominattiv 'pistis' insibuh 16-il darba fl-ittra, waqt li l-verb 'pisteuo' insibuh tliet darbiet. In-nominattiv fil-fatt jinsab f'1:3 u 6; 2:1 u 5 u 5:15 u 11-il darba f'2:14-26. Il-fidi f'San Ġakbu hija marbuta mal-kredu tax-Shema Israel li nsibu f'Dewt 6:4; Salm 33 :12 u Isaija 65:9. Żgur li San Ġakbu għandu l-lenti tiegħu ta' kif iħares lejn il-fidi, għalkemm dan ma jfissirx li t-tagħlim tal-fidi tiegħu huwa differenti minn ta' awturi sagri oħra, speċjalment minn San Pawl (ara Rumani 3:24-26 u Efesin 2:8-9). Hawnhekk Luteru kiteb ovvjament b'mod mill-iktar żbaljat: "James is flatly against St. Paul and all the rest of Scripture in ascribing justification to works". Sanders ukoll jikteb: "James misundestands Paul"; waqt li Ropes jgħid: "James show no comprehension of what Paul meant by his formula saved by faith and not by works". Bultmann ukoll jikteb: "Paul's concept of faith is utterly misunderstood".

Min-naħa l-oħra diversi biblisti ġustament jaraw armonija bejn Ġakbu u Pawlu, fosthom Marxsen li jikteb: "what James attacks is the idea that the Pauline formula should be accepted as valid with this interpretation of a faith without works. The author brings out what Paul means by faith by means of an addition. In other words, what Paul signifies by faith can now be expressed only by faith and works. His aim is to bring back a Paulinism that has been misinterpreted and distorted to the truly Pauline position." Waqt li Mitton jgħid li: "James is entirely at one with Paul". Anke Santu Wistin fil-bidu tal-knisja, kellu din l-idea: "the statements of the two apostles Paul and James are not contrary to one another when the one says that a man is justified by faith without works, and the other says that faith without works is vain. For the former is speaking of the works which precede faith, whereas the latter, of those which follow on faith, just as even Paul indicated in many places".




Townsend jikteb ukoll: "Where no works exist it must be supposed that no works to demonstrate the reality of his faith, and will find that such 'faith' does not justify him at all, for it is not real. After all, it was Jesus who said, ''You will know them by their fruits' (Matt 7:16), and James expounds this emphasis faithfully". Waqt li C. Ryrie jgħid: "Unproductive faith cannot save, because it is not genuine faith. Faith and works are like a two coupon ticket to heaven. The coupon of works is not good for passage, and the coupon of faith is not valid if detached from works". Għalhekk mela ma hemm l-ebda kontradizzjoni bejn San Ġakbu u San Pawl. San Pawl jitkellem fuq l-opri qabel il-ġustifikazzjoni waqt li San Ġakbu jitkellem fuq il-fidi wara li l-bniedem ikun diġa' ġġustifikat.

Fuq l-istess linja kattolika ta' ħsieb, Hodges jikteb: "a body dies when it loses the spirit which keeps it alive. In the same way, a person's faith dies when it loses the animating factor of good works." Fl-aħħarnett Lenski jikteb: "James by no means makes works help to constitute as if works were the life of faith, so that when works are added, we have 'fides formata', while without works 'fides' would be 'informata', the catholic conception of faith, which is rather plain work-righteousness. True gospel works are the native and the necessary product of faith. This faith, which saves before it ever does a single work, saves by embracing Christ and reveals itself by producing love and works of love, wherever they appear, show that real, saving faith is present".

Kliem ieħor grieg b'rabta mal-fidi u l-fiduċja li nsibu fl-ittra huma: 'peitho' f'Ġakbu 3:3; u 'moichalis' f'Ġakbu 4:4. Għal San Ġakbu l-fidi hi mela attiva u viżibbli, fidi li tirreżisti għall-provi, fidi li tirbaħ it-tentazzjonijiet (1:12-16), fidi li tobdi lil Alla (1:19-20 u 2:14-26), fidi li tispira azzjoni (1:21-25 u 2:14-26), fidi li twassal għall-kontroll (1:26-27 u 3:1-12), fidi li taġixxi fil-għerf (3:13-18), u fidi li tistenna lill-Mulej ġej (5:7-12). Skont Vouga, it-tema tal-fidi hija tema unifikanti fl-ittra, li naraw id-diviżjoni tal-ittra f'1-2-19a (il-prova tal-fidi); 1:19b-3;18 (l-adeżjoni tal-fidi) u 4:1-5:20 (lealtà tal-fidi).

San Ġakbu rigward il-ħajja tal-fidi u l-ħajja morali, jitkellem mil-liġi ('nomos') tal-libertà f'1:25 u mil-liġi regali f'2:8: "Love your

neighbour as yourself" u mil-liġi morali tal-Għaxar Kmandamenti f'2:10. Ġakbu jibda u jispiċċa l-ittra bit-tema tal-fidi kif naraw f'1:3 u 5:15. Huwa jorbot il-fidi mal-għerf kif naraw f'3:17-18: **"**Għax fejn hemm l-għira u l-ġlied, hemm issib it-taqlib u kull xorta ta' ħażen. L-għerf li ġej mis-sema, qabel kollox hu għerf safi, imbagħad hu għerf li jfittex is-sliem, it-tjubija u l-ħlewwa; huwa kollu ħniena u frott tajjeb, bla ma jħares lejn l-uċuħ u bla qerq." Rigward dan Brosend jikteb: "James challenges the reader with an understanding of faith intimately and intricately connected with the whole of human life. Faith is not so much 'known' by its works, like the tree by its fruit, and it is its work, root and branch as well as fruit." F'2:21-25, Ġakbu jurina lil Abraħam bħala eżempju (exemplum) ta' din il-fidi operattiva. Dan il-ħsieb jinsab ukoll f'1 Klement 31:2 "For what reason was our father Abraham blessed? Was it not because he did righteousness and truth through faith?" Interessanti li John Calvin jgħid: "Faith alone saves, but the faith that saves is not alone".

Għal Mussner, Ġakbu huwa kkunsidrat bħala minn tal-ewwel li jisħaq fuq l-imħabba tal-proxxmu u tal-ġustizzja soċjali. Għall-ittra ta' Ġakbu, il-bniedem għandu bżonn li jkun bniedem li jpoġġi l-fidi fil-prattika tal-ħajja. L-ittra ta' Gakbu skont S. Laws, hija d-dokument etiku l-iktar estiż fil-Ġdid Testment. Il-perfezzjoni u l-liġi huma temi importanti. Id-destinatarji ta' din l-ittra jridu għalhekk jkunu: "perfetti u sħaħ, bla ma jkun jonqoskom xejn" (1:4), kif huma perfetti d-doni t'Alla (1:17), u l-"liġi perfetta tal-ħelsien" (1:25), u l-fidi ta' Abraħam (1:25). Perfett huwa dak li ma jidnibx fil-kelma (3:1).

## Eskatoloġija u Soterjoloġija

L-ittra tgħallem li l-aħħar żmien ta' l-istorja beda u l-Imħallef huwa qrib: "he parousia tou kyrion engiken", "Stabru intom ukoll; qawwu qalbkom, għax il-miġja tal-Mulej hi fil-qrib" (5:8), u li l-ġudizzju jappartjeni għal Alla li huwa l-uniku Imħallef: "Wieħed biss huwa dak li jagħmel il-liġi, wieħed biss l-imħallef: dak li għandu s-setgħa jeħles u jeqred (4:12). Għall-ġust hija mwiegħda l-kuruna tal-ħajja: "Hieni l-bniedem li jistabar fit-tiġrib, għax wara li jkun għeleb it-tiġrib, jaqla' l-kuruna tal-ħajja li l-Mulej wiegħed lil dawk li jħobbuh." (1:12). Il-foqra huma l-werrieta tas-Saltna: "Isimgħu, ħuti għeżież: mhux Alla kien li għażel lill-foqra għad-dinja biex jistagħnew fil-fidi u jsiru werrieta tas-Saltna li hu wiegħed lil dawk li jħobbuh? (2:5). Il-komunità nisranija hija l-frott tal-ħolqien eskatoloġiku ġdid ta'Alla (1:18).

L-imgħallmin li ma jistħoqqilhomx dan it-titlu jgħaddu minn ġudizzju iebes: "Ħuti, la ssirux ħafna minnkom għalliema, għax tafu li aħna li ngħallmu nkunu ġġudikati b'reqqa akbar" (3:1). It-tnax-il tribù ta' Israel huma l-ewwel frott ('aparche') ta' Israel il-ġdid. Huma l-ewwel frott tal-kreaturi ('ktismaton') ta' Alla. Il-kelma 'ktisma' nsibuha ħafna fil-kotba tal-Għerf, għaliex proprju l-awtur ta' din l-ittra ukoll irid juri l-veru għerf sabiex wieħed jasal għat-tama eskatoloġika lejn 'Alla tad-dwal', 'pater ton photon' (ara Ġenesi 1:14-15, ara wkoll Testment ta' Abraħam 7:6 'pater tou photos', 'father of the light'). L-għerf jgħin lin-nisrani jirbaħ it-tentazzjoni li tiġi mill-konkupixxenza u mhux minn Alla (1:13-15). Dak kollu li hu tajjeb hu ġej minn Alla: "La titqarrqux, aħwa għeżież tiegħi. Kull ħaġa tajba li tingħata u kull don perfett jiġi mis-sema, jinżel mingħand il-Missier, l-għajn tad-dawl, li fih ma hemm ebda tibdil u anqas dell ta' tidwir" (1:16-17).

F'Ġakbu 5:7-11 naraw li l-parusija tal-Mulej hija fil-qrib: 'eos tes parousias tou kuriou', il-Miġja tal-Mulej bħala Mħallef. Ġakbu jsemmi

wkoll lill-profeta Elija (ara 1 Slaten 18:36-40) li huwa persuna eskatoloġika per eċċellenza. Il-maħfra mid-dnubiet hija meqjusa fl-ittra bħala don eskatoloġiku kif naraw f'5:15: "it-talba tal-fidi ('he euche tes pisteos') ssalva lill-marid, u l-Mulej iqajmu; u jekk ikun għamel xi dnubiet, jinħafrulu", waqt li l-foqra jirċievu 'il-kuruna ('stephanos') tal-ħajja ('tes zoes') f'1:12: "Hieni l-bniedem li jistabar fit-tiġrib, għax wara li jkun għeleb it-tiġrib, jaqla' l-kuruna tal-ħajja li l-Mulej wiegħed lil dawk li jħobbuh" (ara ukoll Żakkarija 6:14), u werrieta tas-saltna f'2:5: "Isimgħu, ħuti għeżież: mhux Alla kien li għażel lill-foqra għad-dinja biex jistagħnew fil-fidi u jsiru werrieta tas-Saltna li hu wiegħed lil dawk li jħobbuh?" In-nisrani quddiem it-tiġrib ma għandux jaqta' qalbu imma jikkontrolla lilu nnifsu (1:14). San Ġakbu jgħallem li t-tiġrib ma jiġix minn Alla: "Waqt li nkunu mġarrbin, araw li ħadd ma jgħid: Alla qiegħed iġarrabni, għax Alla ma jistax iġarrab għall-ħażin, u anqas ma jista' jiġġarrab" (1:13).

Għalhekk l-ittra kollha turi li min jemmen qiegħed iħares lejn il-futur għat-tama eskatoloġika tas-salvazzjoni (eskatoloġija magħquda mas-soterjoloġija). C.B. Amphoux jgħid li l-ittra hija ċċentrata fuq is-soterjoloġija. Għalhekk l-ittra ssejjaħ għall-perfezzjoni ('teleion') kif insibu f'1:4 kif diġà rajna. Skont Nickelsburg fl-1977 jikteb: 'in the epistle of James the future calls the oppressed community to faith, courage and joy in the present". Aktar milli deskrizzjoni apokalittika, fl-eskatoloġija ġakobina, iktar insibu sejħa għall-etika, għall-imġiba tassew nisranija u riflessjoni fuq it-Torah, li tagħmel mill-ittra ta' Ġakbu waħda sapjenzjali fil-Ġdid Testment. L-eskatoloġija għalhekk tfissrilna l-ferħ quddiem il-prova ('peirasmos', 1:2 u 1:12) fid-dawl tal-premju etern, 'eschatologische Vorfreude', 'anticipated joy' (J. Thomas).



## Bibliografija


Alana, O.E., "A word with the rich (James 5:1-6) Part II", in *Verbum et Ecclesia* 24 (2003) 292-305.

Allison, D.C., "James through the centuries", in *American Theological Inquiry. A Biannual Journal of Theology, Culture and History* 7 (2014) 11-16.

Allison, D.C., *A Critical and Exegetical Commentary on the Epistle of James*, New York 2013.

Baker, W.R., "Christology in the Epistle of James", in *EvQ* 74 (2002) 47-58.

Batten, A.J., *What they are saying about the Letter of James?*, New York 2009.

Burchard, C., *Der Jakobusbrief*, HNT 15, Tubingen 2000.

Davids, P.H., "The Catholic Epistles as a canonical Janus: A New Testament glimpse into Old and New Testament Canon Formation", in *Bulletin for Biblical Research* 19 (2009) 403-416.

Edgar, D.H., “Has not God chosen the poor? The social setting of the Epistle of James”, in *Journal for the New Testament Supplement Series* 206, Sheffield 2001.

Fabris, R., *Lettera di Giacomo: Introduzione, versione, commento*, Bologna 2004.

Hartin, P.J., *James, First Peter, Jude, Second Peter, New Collegeville Bible Commentary*, NT 10, The Liturgical Press 2006.

Hartin, P.J., “The Letter of James: Faith leads to action (the indicative leads to the imperative)”, in *Word and World* 35 (2015) 222-230.

Holloway, G., “James as New Testament Wisdom Literature”, in *Leaven* 8 (2000).

Johnson, L.T., *Brother of Jesus, Friend of God: Studies in the Letter of James*, Grand Rapids (MI) 2004.

Jovanovic, M., “Franz Mussner’s interpretation of the Epistle of James and its impact on Jewish-Christian Dialogue”, in *Unity and Dialogue* 75 (2020) 119-139.

Juguilon, A., “Orthodoxy, Orthopraxis, and orthokardia: a reflection on the Letter of James”, in *Obsculta* 8 (2015) 83-93.

Kamell, M.J., “The implications of grace for the ethics of James”, in *Biblica* 92 (2011) 274-287.

Kirk, J.A., “The meaning of Wisdom in James: Examination of a hypothesis”, in *NTS* 16 (1969) 24.

Kloppenberg Verbin, J.S., “Patronage avoidance in James”, in *HTS* 55 (1999) 755-785.

Laws, S., *The Epistle of James*, London 1980.

Lemaire, A., “Burial box of James the Brother of Jesus. Earliest Archaeological evidence of Jesus found in Jerusalem”, in *Biblical Archaeology Review* 28 (2002) 24-70.

Lenski, R.C.H., *The Interpretation of the Epistle to the Hebrews and the Epistle of James*, Minneapolis 1966.

Llewelyn, S.R., “The Prescipt of James”, in *NovT* 39 (1997) 385-393.

Lockyer, H., *All the Apostles of the Bible*, London 1972.

Lodge, J.G., “James and Paul at Cross-Purposes? James 2:22”, in *Bib* 62 (1981) 195-213.

Macarthur, J.F., “Faith according to the Apostle James”, in *JETS* 33 (1990) 13-34.

Mayor, J.B., *The Epistle of St. James. The Greek Text with Introduction Notes and Comments*, London 1910.

McLaren, J.S., “Ananus, James, and Earliest Christianity. Josephus’ account of the death of James”, in *JTS* 52 (2001) 1-25.

Meynet, R., *Trattato di Retorica Biblica*, Retorica Biblica 10, Bologna 2008.

Mitton, C.L., *James*, Grand Rapids (MI) 1966.

Moo, D.J., *The Letter of James*,  Pillar New Testment Commentary, Grand Rapids (MI) 2000.

Mussner, F., *La lettera di Giacomo*, Brescia 1970.

Myllykoski, M., “James the Just in History and Tradition: perspectives of past and present scholarship (Part II)”, in *Currents in Biblical Research* 6 (2007) 11-98.

Pavelcik, J., “Isaianic Variations in the Letter of James”, in *Theologica* 9 (2019) 117-133.

Popkes, W., *Der Brief des Jakobus*, Leipzig 2001.

Van der Merwe, D.G., “The impact of the economic system on social and labour relations in the early church as revealed in the Letter of James”, in *Verbum et Ecclesia* 33 (2012) 1-12.

Weaver, J.A., “The Heart of the Law: Love your neighbour (Jas 2:8-13)”, in *Review & Expositor* 108 (2011) 445-446.

Witherington, B., *Letters and Homilies for Jewish Christians: A socio-rhetorical commentary on Hebrews, James, and Jude,* Downers Grove (IL) 2007.



# EŻEKJEL IL-PROFETA TAS-SIMBOLI

*Mons Lawrenz Sciberras*

Meta wieħed jaqra l-ktieb tal-profeta Eżekjel, dan dritt jinduna kemm fih simboli u wħud minnhom strambi wkoll. Naturalment il-profeta b'dawn is-sinjali ried iwassal messaġġ lin-nies ta' żmienu, liema messaġġ in-nies dritt fehmuh. Ħafna drabi dan il-messaġġ tant kien ikun ċar, qawwi u dirett li l-istess profeta anqas biss ma kien ifissru, imma il-messaġġ kien jasa; u jasal bla mittiefes fost in-nies.

## Il-kuntest

U sabiex aħna nkunu llum nistgħu naqbdu t-tagħlim marbut mas-simbolu, dejjem hemm il-bżonn li nkunu nafu f'liema żmien għex il-profeta flimkien maċ-ċikustanzi tiegħu sbieħ u koroh. Dan in-nabi huwa preċiżament il-bniedem ta' żmien l-eżilju tal-Babilonja. Messitu x-xorti kera fl-ewwel attakk li għamel Nabukodonosor mela fis-sena 598. Kien għadu żagħżugħ fl-aħjar tiegħu dan Eżekjel. Imbagħad għaxar snin wara l-istess ħakem mela madwar is-sena 587 għamel it-tieni assedju fejn żera' warajh ħerba l-aktar kbira u xerred dmija fit-toroq tal-belt. Forsi l-akbar daqqa ħada t-tempju ta' Ġerusalemm bl-oġġetti prezzjużi u qaddisa li kien hemm fih. Fost dawn ta' min isemmi hawn it-telfa tal-arka tal-patt. Dawn l-oġġetti prezzjużi li kien hemm bħal oġġetti tad-deheb dawn ħaduhom il-Babilonja.

## Il-borma mgermda

Issa din il-ġrajja makabra, imma fl-istess ħin ukoll ta' tisfija, Eżekjel wassalha bis-simbolu ta' borma tqaqbaq sew u mgermda. L-assedju fuq il-belt dam tmintax-il xahar. Għandna informazzjoni dwar dan f'2 Slaten 25 u Ġeremija 52,5-6. "U l-belt damet magħluqa f'assedju sal-ħdax-il sena tas-sultan Sedekija. Fir-raba' xahar, fid-disgħa tax-xahar meta il-ġuħ kien qabad jaħkem sewwa fuq il-belt u ma kienx hemm iżjed ħobż għan-nies tal-pajjiż". Anke il-ktieb tal-Lamentazjonijiet minkejja li huwa poeżija jiddeskrivi s-sitwazzjoni tal-biki u mrar.

Kif Eżekjel simbolikament wassal li l-periklu kien tassew fil-qrib u li kienu huma stess li se jbatu ħafna? Permezz ta' borma mimlija biċċiet ta' laħam mill-aħjar u biċċiet ta' għadam. Din il-borma titqiegħed fuq in-nar, iħalliha tagħli u tbaqbaq sakemm isir kollox fiha (Eżk 24,8). Imbagħad l-istess borma issir kollha ġmied u imgermda hekk li ma jibqgħux jużawha.

Din il-borma hija simbolu tal-belt ta' Ġerusalemm, u dak li hemm ġo fiha, l-laħam u l-għadam huma l-abitanti tal-belt. Mela Eżekjel qed jipprofetizza li ma hemmx aktar bżonn



ta' din il-belt, spiċċa l-użu tagħha. Difatti l-profeta stess fil-bqija ta' kitbietu ma jsemmi qatt aktar għajr forsi metaforikament il-belt il-qaddisa: "Għan-nagħaġ ikkonsagrati bħan-nagħaġ f'Ġerusalemm, fil-festi l-kbar tagħha, hekk ikunu mimlija l-ibliet imġarrfa bl-imrieħel tan-nies u jkunu jafu li jien il-Mulej"

Ir-riżultat veru u reali tas-simbolu tal-borma tbaqbaq kien li n-nies tal-belt sfaw meħudin u mkaxkrin l-eżilju tal-Babilonja.

## Is-sejf misnun.

Simbolu ieħor qawwi li Alla qal lil Eżekjel biex jagħmel huwa marbut ma' sejf, xagħar u leħja. Min jagħmel dan jidher li donnu qed jitlef xi ftit minn moħħu. Mela l-profeta għandu jaqbad sejf misnun u bih iqaxxar ix-xagħar kollu ta' fuq rasu kif ukoll il-leħja tiegħu. Issa f'dak iż-żmien meta raġel jasal biex jew hu għaliex ikun imġiegħel jew xi ħadd ieħor iqaxxarlek il-leħja dan huwa tassew sinjal ta' umiljazzjoni kbira, żufjett u tkasbir. Dan il-ġest ta' umiltà kbira tkellem dwaru wkoll il-profeta Isaija: "tajt dahri lil dawk li kienu jsawtuni, ħaddejja lil dawk li kienu jnittfuli lħiti, ma ħbejtx wiċċi mit-tagħjir u l-bżieq " (Is 50,6). Għaliex kemm biblikament kif ukoll skont l-ambjent tal-Orjent il-leħja hija s-sinjal ta' raġel matur u magħmul.



Fil-Bibbja hemm ġrajja ta' meta kmandant qaxxar nofs il-leħja tal-qaddejja ta' David. Dan sar biex jiddieħak u jiżżufjetta bil-qaddejja. "U Ħanun qabad lill-qaddejja ta' David u qaxxrilhom nofs ilħithom, u qattgħalhom nofs ilbieshom minn qadhom 'l isfel u telaqhom" (2Sam 10,4).

Dejjem fuq ordni ta' Alla, Eżekjel kellu jkompli dan il-ġest simboliku b'atti aktar strambi. Jieħu miżien u jaqsam ix-xagħar tiegħu stess fi tliet taqsimiet. L-ewwel terz jaħarqu f'nofs il-belt, it-terz l-ieħor iqattgħu bis-sejf, u l-aħħar terz itajru mar-riħ.

Il-kuntest ta' dan kollu huwa ċ-ċaħda formali tal-poplu ta' Ġerusalemm lil Alla. Poplu li minkejja l-ħafna tagħlim tal-profeti li kellu, kiser u xeħet taħt saqajh il-liġijiet u l-ordnijiet tal-Mulej. Poplu li rvella kontra Alla wisq aktar milli għamlu l-istess ġnus ta' madwarhom. (Eżk 5,7). Mediċina waħda kien jidher li hija rimedju effikaċi għal dawn id-dnubiet kollha – il-kastig u forsi l-akbar wieħed minnhom kien l-eżilju lejn il-Babilonja.

Dan is-sinjal hekk stramb ta' Eżekjel ikompli jidħol f'aktar dettalji preċiżi. Tingħata raġuni xi jfisser kull terz tax-xahar. L-ewwel terz kien jirrappreżenta lil dawk in-nies li se jmutu



t-theddida dwar it-tixrid ta' dan il-poplu li tant kien magħqud flimkien fl-imgħoddi. Minn barra t-tixrid, hemm ukoll il-periklu tal-ġuħ li xejn anqas il-perikli ġej minn bhejjem selvaġġi. Kollox huwa effett qawwi tal-abbandun konxju tal-Lhud lil Alla tagħhom, Alla providenza u mħabba lejhom

## It-toqba fis-sur

L-istorja u t-tifsira ta' dan is-simbolu hija magħmula minn żewġ mumenti wara xulxin. Tħejjija għal xi ħaġa. U l-azzjoni ċara biex turi lin-nies it-tifsira sħiħa tagħha. Fl-introduzzjoni għal dan il-ġest simboliku, Alla jħejji lil Eżekjel fejn jurih li hu qed jitratta "ma nies ta' rashom iebsa; għandhom l-għajnejn biex jaraw, imma ma jarawx, għandhom il-widnejn biex jisimgħu, imma ma jisimgħux" (Eżk 12,2).

Wara dan tiġi l-ewwel ordni x'għandu jagħmel. Għandha issir forma ta' tħejjija, u din issir bi nhar biex kulħadd jara u jifhem dak li qed jagħmel il-profeta. Imma l-għan ta' din il-preparazzjoni huwa wieħed preċiż u dirett. "Ħejji bi nhar quddiemhom il-meħtieġ tiegħek, qisu l-meħtieġ ta' min sejjer fl-eżilju" (Eżk 14,4). Hawn ta' min ikompli jinnota li għalkemm hawn imsemmi l-meħtieġ għall-eżilju,

bil-ġuħ inkella bil-pesta. U din ir-realtà tal-ġuħ seħħet tassew matul it-tmintax-il xahar li damet assedjata Ġerusalemm. "Il-poplu kollu tagħha jokrob u jfittex il-ħobż, jibdlu ġidhom l-għażiż ma' l-ikel sabiex jinħjew" (Lam 1,11). Kif ukoll: "Fejn huwa l-ħobż u l-inbid? Staqsew lil ommijiethom, xħin bħal midruba kien u jinfnew fil-pjazez tal-belt" (Lam 2,12).

## Xabla u mewt.

It-tieni terz tan-nies dawn għad imutu mewta l-ktar kerha u deżolanti. Ix-xabla l-arma l-aktar kerha, qerrieda u mdemma se tagħmel ħerba kbira mill-poplu ta' Alla. Jekk dan ma ġarax fl-ewwel assedju tas-sena 587, għalkemm xejn ma hu eskluż, żgur li ġara u seħħ fl-assedju tas-sena 70 wara Kristu. Dak in-nhar il-ġeneral Titu assedja, kisser u rebaħ lil Ġerusalemm.

Numru kbir ta' nies sfaw mejta, u l-irġiel u ż-żgħażagħ godlin ġew imkaxkrin lejn Ruma.

Min imur Ruma u jistaqsi għall-arkata ta' Titu li qiegħed fil-foro Romano, hemm imnaqqax fuqa numru ta' rġiel Lhud qiegħdin iġorru l-kandelabru b'sebgħa friegħi lejn Ruma sinjal tar-rebħa ta' Titu. Barra dan nies oħrajn qegħdin iġorru l-mejda bil-ħobż tal-Preżenza. Mela t-tagħlima li toħroġ mis-simbolu tax-xagħar li jmutu hekk ikrah seħħ ukoll.

## Tixrid mar-riħ

Meta wieħed jirrifletti sew il-kliem li hemm imħabbar ma' l-aħħar terz ta' xaghar Eżekjel, dan jibqa' tassew imbellah u xxokjat. Dak ix-xagħar li se jittajjar mar-riħ, żgur li wieħed qatt ma jasal biex jiġbru lura. Impossibbli. Hekk hi

l-profeta ma jindikax dan il-meħtieġ x'inhu!.

Ħaġa oħra hija żgur indikata lil Eżekjel, biex dan jitlaq quddiem in-nies, mela att pubbliku filgħaxija. U marbut ma' dan il-ħin speċjali jfisser l-eżilju. Dan mela huwa t-tifsira ta' l-ewwel parti ta' din l-azzjoni simbolika tal-profeta.

It-tieni parti dejjem ta' din l-azzjoni simbolika tikkonsisti billi l-profeta nnifsu jħaffer toqba fil-ħajt dejjem quddiem in-nies u joħroġ minnha (Eżk 12,5). Din ix-xena tfakkar fil-belt ta' Ġerusalemm imdawra bis-swar. Illum ukoll hekk għadha. Mela biex tidħol jew toħroġ mill-belt bil-fors dan isir minn xi bieb partikulari.

Issa waqt l-assejdu li għamlu l-Babiloniżi l-bibien tal-belt kollha kienu mbarrati waħda sew. Mela dawk li hemm ġol-belt minn fejn se joħorġu u jibdew it-triq tagħhom lejn l-eżilju. Minn xi selħa, mela ikun hemm toqba li issir fis-sur. Allura issa t-toqba li għamel Eżekjel fejn huwa stess kellu joħroġ u jidħol minnha, dan kien ifisser li hekk għad jiġrilhom in-nies tal-belt ta' Ġerusalemm.

U fil-fatt dan kollu ġara tassew fis-sena 587.

B'dan il-metodu għalina forsi jidher stramb u għadda żmienu, l-profeta kien kapaċi jwassal il-messaġġ ta' Alla lin-nies ta' żmienu. U kull minn qabad il-messaġġ marbut mas-simbolu u biddel sew ir-rotta ta' l-imġiba tiegħu swielu sew u għex ferħan; min ma tax kas tas-simbolu u baqa' sejjer skont moħħu bata ħafna.

Messaġġ u simbolu bħal dawk ta' Eżekjel għad fadal il-ħtieġa tagħhom fi żminijietna wkoll.




*Marcello Ghirlando*

Aħna l-insara spiss nippruvaw inġeddu l-fidi tagħna fil-presenża reali ta' Ġesù fl-Ewkaristija. Din il-fidi tagħna kontinwament tirreferina lejn il-kliem tal-Mulej fl-aħħar ċena, kif insibuhom miktuba fir-rakkonti li jagħtuna l-Vanġeli Sinottiċi, jiġifieri l-Vanġeli miktuba minn San Mattew (26:26-29), San Mark (14:22-25) u San Luqa (22:14-20). Imma rridu niftakru li kien San Pawl, fil-bidu tas-snin ħamsin wara Kristu, li huwa l-ewwel kittieb tal-Ġdid Testment li jagħtina r-rakkont tat-twaqqif ta' l-Ewkaristija. Dan jagħmlu huwa u jikteb l-Ewwel Ittra tiegħu lill-Korintin fejn jagħtina l-essenzjal rigward it-twemmin nisrani fl-Ewkaristija, daqs għoxrin sena biss wara l-mewt u l-qawmien ta' Ġesù (1Kor 11:23-26): "Jien irċevejt mingħand il-Mulej it-tagħlim li għaddejt lilkom, jiġifieri, li l-Mulej Ġesù, fil-lejl li fih kien ittradut, ħa l-ħobż u wara li radd il-ħajr, qasmu u qal: 'Dan hu ġismi li jingħata għalikom; agħmlu dan b'tifkira tiegħi'. Hekk ukoll għamel bil-kalċi wara li kiel u qal: 'Dan il-kalċi hu l-patt il-ġdid b'demmi; agħmlu dan kull meta tixorbu b'tifkira tiegħi'. Mela kull meta tieklu dan il-ħobż u tixorbu dan il-kalċi, intom ixxandru l-mewt tal-Mulej sa ma jiġi".

## L-Ewkaristija f'San Ġwann

U fejn jidħol il-Vanġelu skont San Ġwann f'dan kollu? Nhar Ħamis ix-Xirka, il-jum solenni li jfakkarna fit-twaqqif ta' l-Ewkaristija, fil-quddiesa tinqara silta minn San Ġwann (13:1-15). Imma din is-silta tirrakkonta l-ħasil tar-riġlejn ta' l-appostli, mument ta' faraġ li jitkellem biss minnu dan l-evanġelista. Fil-fatt San Ġwann jiddedika ħames kapitli mill-Vanġelu tiegħu lill-Aħħar Ċena, kważi kwart mill-ktieb tiegħu kollu! U f'dan il-kwart l-evanġelista ma jġib qatt il-kliem solenni tat-twaqqif ta' l-Ewkaristija!

Forsi dak li jkun igħid: mela San Ġwann ma kellu xejn xi jgħid dwar ħaġa daqshekk importanti daqs l-Ewkaristija? U żgur li kellu xi jgħid! Imma jgħidu mod ieħor u b'mod tassew oriġinali. Għal dan kollu irridu nifħmu l-Vanġelu skont San Ġwann, fil-kapitlu sitta u hemmhekk naqraw u nifhmu kemm l-evanġelista huwa oriġinali fil-preżentazzjoni tiegħu tat-tema daqshekk importanti ta' l-Ewkaristija.



## L-aħħar ċena u l-ewwel tkattir tal-ħobż

Il-kapitlu sitta ta' San Ġwann jiftaħ billi jirrakkonta l-ġrajja tat-tkattir tal-ħobż. Hija ġrajja li lkoll nafuha. Hija ġrajja li tfakkarna wkoll li San Ġwann, fil-Vanġelu tiegħu, qatt ma jirripeti ir-rakkonti tal-mirakli jew tas-sinjali li jirrakkontaw l-oħrajn, u forsi din hija l-unika ġrajja li jirrepeti. San Ġwann, ta' kittieb oriġinali, iva, jerġa' jirrakkonta din il-ġrajja, imma jqegħedha f'kuntest ieħor biex iwassal messaġġ aktar profond, messaġġ li ssawwar fl-esperjenza u r-riflessjoni tal-fidi tiegħu u tal-fidi tal-Knisja tal-bidu.

F'San Mattew 14:13-21, San Mark 6:32-44 u Luqa 9:10-17, ir-rakkont tat-tkattir tal-ħobż lil ħamest elef ruħ iseħħ f'nofs il-ministeru pubbliku ta' Ġesù. Għal San Mattew u San Mark il-ġrajja sseħħ ftit wara l-mewt ta' Ġwanni l-Battista u ftit qabel ma Ġesù jimxi fuq l-ilma. San Ġwann jinqeda bil-ġrajja tat-tkattir tal-ħobż u bil-mixi ta' Ġesù fuq l-ilma biex isawwar xenarju kompletament oriġinali, xenarju li jitlaqqam fid-dimensjoni ewkaristika li tiġi murija ftit ftit.

Kemm San Ġwann kif ukoll is-Sinottiċi jiżviluppaw it-teoloġija ewkaristika tagħhom fil-kuntest ta' ikla: kemm jekk din hija l-ikla ta' l-Għid Lhudija u kemm jekk hija ikla fil-beraħ tal-kampanja, bħalma seħħ fir-rakkont tat-tkattir tal-ħobż. San Ġwann għażel din ta' l-aħħar biex ifakkar il-qarrej fil-ġrajja ta' l-Eżodu. It-tkattir tal-ħobż, fil-fatt, ifakkarna fil-ġrajja tal-manna mogħtija fid-deżert, tema li l-istess San Ġwann kellu jiżviluppa. Kif l-ilmijiet ta' taħt riġlejh jobduh, daqshekk ieħor l-ilmijiet tal-baħar tal-Qasab jobdu lil Mosè u wlied Israel li jimxu warajh. U b'hekk Ġwanni ħejja l-kuntest għad-dramm tiegħu.



## Ħobż tas-sema

Id-dramm ta' l-evanġelista huwa prinċipalment djalogu bejn Ġesù u n-nies li mxew warajh san-naħa l-oħra ta' l-Għadira. Għalhekk San Ġwann iqiegħed lil kulħadd f'postu (6:22-25). Ġesù jifhem għaliex in-nies kienet qiegħda tiġri warajh. Kienu kielu b'xejn u xebgħu (6:26). Hu proprju għalhekk li Ġesù jistqarr: "Tħabtu mhux għall-ikel li jgħaddi, iżda għall-ikel li jibqa' għall-ħajja ta' dejjem, dak li Bin il-bniedem jagħtikom..." (6:27). It-tema tal-ħajja ta' dejjem hija importanti ħafna fir-raba' Vanġelu u hawnhekk San Ġwann jorbotha mal-ħobż. Bħalma n-nies kienu kielu l-ħobż fil-beraħ tal-kampanja ġurnata qabel u b'hekk kisbu saħħithom, daqshekk ieħor iridu jsaħħu lil ruħhom għall-ħajja ta' dejjem.

X'tip ta' ħobż kienu kielu ġurnata qabel? Probabbilment ħobż tax-xgħir, il-ħobż komuni li kien jinstab fuq l-imwejjed tal-parti l-kbira tan-nies, il-ħobż li kien l-ikel l-aktar essenzjali fil-ħajja ta' kuljum. Ħobż li forsi minn barra ma kienx jidher sabiħ imma li kien s-sosten importanti tal-ħajja ta' kuljum.

Wara l-istedina ta' Ġesù, il-Mulej jiġi mistoqsi min-nies biex jagħmel ħaġa straordinarja biex jikseb il-fiduċja tal-folla. Fil-fatt hu kien kattar il-ħobż u mexa fuq l-ilma...imma dak kien il-bieraħ. Issa riedu xi ħaġa llum! "X'sinjal se tagħmel biex aħna narawh u nemmnuk? X'sejjer tagħmel? Missirijietna kielu l-manna fid-deżert, bħalma hemm miktub, 'Tahom jieklu l-ħobż mis-sema'" (6:30-31). Għal San Ġwann, l-għeġubijiet ta' Ġesù mhumiex deskritti bħala mirakli imma bħala sinjali, u s-sinjali dejjem juru xi ħaġa 'l hemm minnhom infushom.

In-nies issemmi l-manna u din mill-ewwel tfakkar lil Ġesù u lis-semmiegħa mhux aktar fil-ħobż ta' kuljum imma fil-ħobż mogħti minn Alla, il-ħobż tas-sema. B'hekk issa Ġesù jaqleb id-diskors mill-manna/ħobż mogħti fil-passat għal dak tal-ħobż mogħti issa, fil-preżent: "Tassew tassew ngħidilkom, mhux Mosè takom il-ħobż mis-sema, iżda Missieri jagħtikom il-ħobż tassew mis-sema; għaliex il-ħobż ta' Alla huwa dak li jinżel mis-sema u jagħti l-ħajja lid-dinja" (6:32-33).

Bħall-mara Samaritana li ħasbet li l-offerta li Ġesù kien għamlilha meta offrielha l-ilma ħaj kellu jaqtgħalha l-għatx darba għal dejjem, daqshekk ieħor is-semmiegħa ta' Ġesù jitolbuh dan il-ħobż: "Sinjur, agħtina dejjem minn dan il-ħobż"(6:34). Ħobż jitolbuh, il-ħobża li kienu jafu u li kienet tmantnihom ta' kuljum. Imma Ġesù joffri aktar.

Joffri lilu nnifsu, b'awtorità. Anzi bl-awtorità tad-divinità tiegħu. U Ġesù, b'mod solenni jistqarr: "Jiena hu l-ħobż tal-ħajja. Min jiġi għandi ma jieħdu qatt il-ġuħ, u min jemmen fija ma jkun qatt bil-għatx"(6:35)

## Tgergir

Imma "il-Lhud bdew igergru fuqu għax kien qal, 'Jiena hu l-ħobż li niżel mis-sema'" (6:41). Igergru dawk li qatt ma riedu jilqgħu lil Ġesù bħala Messija u ċaħduh. Ġesù jerġa' jistqarr: "Jiena hu l-ħobż tal-ħajja. Missirijietkom kielu l-manna fid-deżert u mietu; dan hu l-ħobż nieżel mis-sema, biex min jiekol minnu ma jmutx. Jiena hu l-ħobż ħaj li niżel mis-sema. Jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż igħix għal dejjem. U l-ħobż li jiena nagħti huwa ġismi għall-ħajja tad-dinja"(6:48-51). Il-ħobż, l-aktar ikel komuni fid-dinja, jiġi mgħolli għal dinjità tremenda. Ġesù, li għadu kif stqarr id-divinità tiegħu, joffri li jaqsam lilu nnifsu personalment mal-bnedmin. Veru dan kollu? Jew hija biss stqarrija li trid titqies bħala simbolika?

Hu proprju għalhekk li issa San Ġwann jinqeda b'mod ta' kitba li jħobb juża: in-nuqqas ta' ftehim. Jippreżenta lis-semmiegħa



bħala li huma konfużi u jinqeda b'dan biex Ġesù jkompli jispjega. Fil-fatt, is-semmiegħa jaħsbu li Ġesù qed jitkellem fuq il-kannibaliżmu: "Kif jista' dan jagħtina ġismu biex nikluh?" (6:52). U Ġesù jkompli jirrivela lilu nnifsu: "Tassew tassew ngħidilkom, jekk ma tiklux il-ġisem ta' Bin il-bniedem u ma tixorbux demmu, ma jkollkomx il-ħajja fikom. Min jiekol ġismi u jixrob demmi għandu l-ħajja ta' dejjem, u jiena nqajmu mill-imwiet fl-aħħar jum. Għax ġismi huwa tassew ikel, u demmi hu tassew xorb. Min jiekol ġismi u jixrob demmi jibqa' fija u jiena fih. Bħalma bagħatni l-Missier, li hu ħaj, u jiena ngħix b'Missieri, hekk ukoll min jiekol lili, hu wkoll jgħix bija. Dan huwa l-ħobż li niżel mis-sema; mhuwiex bħal dak li kielu missirijietkom u mietu; min jiekol dan il-ħobż igħix għal dejjem" (6:53-58).

Kliem diffiċli! Kliem li forsi anke aħna qatt ma rriflettejna fuqu u meta dan nagħmluh inħossu li huwa kliem diffiċli…imma huwa wkoll kliem tremendament solenni u li jinżel f'qiegħ qalbna bil-verità tiegħu.

Huwa kliem li ħafna dixxipli skandalizzahom: "Iebes dan il-kliem! Min jiflaħ jisimgħu...Minn dakinhar bosta mid-dixxipli tiegħu telquh u ma baqgħux imorru warajh" (6:60.66).

Il-kliem ta' Ġesù irid jittieħed kif inhu. Hekk ried il-Mulej. Kliemu huwa t-tagħlim ewkaristiku per eċċellenża. U Ġesù ma ried inaqqas xejn minnu… anke quddiem id-dehra tad-dixxipli li telquh. Anzi, Ġesù jgħid lit-tnax: "Tridux titilqu intom ukoll?" (6, 67).

Nimmaġinaw li Pietru kien perpless daqskemm kienu dawk li telqu lill-Mulej. Imma jagħmel att ta' fidi fil-kliem ewkaristiku ta' Ġesù u jistqarr b'mod deċiż: "Mulej, għand min immorru? Inti għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem, u aħna emminna u għarafna li inti l-Qaddis ta' Alla" (6:68-69).

U din hija wkoll it-tweġiba tagħna quddiem il-fidi li aħna mistiedna nġeddu ta' kuljum fil-Misteru ta' l-Ewkaristija. Ma' Pietru u mal-Knisja kollha anke aħna, quddiem it-teżor ta' l-Ewkarsitja, l-għajn tal-ħajja tagħna u tal-Knisja kollha nistqarru wkoll: "Mulej, għand min immorru? Inti għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem, u aħna emminna u għarafna li inti l-Qaddis ta' Alla".



# L-ISFOND LHUDI TAR-RABA' EVANĠELJU

*Rev Dr Martin Micallef OFMCap*

Qatt mhuwa faċli tinterpreta l-Evanġelju skont San Ġwann minħabba li hemm aktar minn metodu wieħed kif nistgħu nagħmlu dan. Żgur iżda li rridu nitgħallmu nagħmlu dan bl-isfond tal-Ġudaiżmu tal-ewwel seklu li ma kienx wieħed monolitiku. Minflok, il-Ġudaiżmu taż-żmien li fih inkiteb dan l-Evanġelju kien jikkonsisti f'diversi movimenti li lkoll b'xi mod, isibu l-għeruq tagħhom fit-Testment il-Qadim. F'dan l-artiklu sejrin naraw l-influwenza ta' dan kollu fuq il-kitba tar-Raba' Evanġelju.

## L-influwenza tat-Testment il-Qadim

Diffiċli tiċħad l-impatt tat-Testment il-Qadim fuq in-narrattiva tar-Raba' Evanġelju. [1] L-idea tat-twettiq tal-Iskrittura hija fundamentali fin-narrattiva ta' dan l-Evanġelju. Sa mill-bidunett, fl-episodju tat-tindif tat-Tempju, naqraw: "Id-dixxipli ftakru f'dak li kien hemm miktub fl-Iskrittura, 'Il-ħeġġa għal darek fnietni.'"[2] Meta fl-aħħar ċena, Ġesù jitkellem dwar il-mibegħda tal-poplu kontrih, insibu nota marbuta mal-Iskrittura: "Imma dan ġara biex isseħħ il-kelma li hemm fil-Liġi tagħhom, 'Fuq xejn bagħduni.'"[3] Hekk ukoll meta matul din l-istess ikla, Ġesù jitkellem dwar it-telfien ta' Ġuda l-Iskarjota, huwa jagħmel dan fid-dawl tat-twettiq tal-Iskrittura: "Kemm domt magħhom, jiena ħaristhom, u ħadd minnhom ma ntilef ħlief bin it-telfien, biex isseħħ l-Iskrittura."[4]

Ir-rakkonti tal-passjoni u l-mewt ta' Ġesù mhumiex nieqsa lanqas minn dawn ir-referenzi għat-twettiq tal-Iskrittura. Hekk pereżempju, meta niġu għax-xena tal-qsim tal-ħwejjeġ ta' Ġesù, naqraw kif is-suldati, "Ftiehmu bejniethom u qalu: 'Ma nqattgħuhiex, iżda nitfgħu x-xorti għaliha, u lil min tmiss jeħodha.' Dan ġara biex isseħħ l-Iskrittura li tgħid, 'Ħwejġi qasmu bejniethom, u għall-ilbies tiegħi tefgħu x-xorti.'"[5] Hekk ukoll meta niġu għall-karba ta' Ġesù fuq is-salib meta qal li kien bil-għatx, l-Evanġelista jgħaqqad dan il-kliem ta' Ġesù mat-twettiq tal-Iskrittura: "Wara dan, Ġesù, billi issa kien jaf li kollox kien mitmum, biex isseħħ l-Iskrittura qal: 'Għandi l-għatx!'"[6] It-twettiq tal-Iskrittura fir-rakkonti tal-passjoni u l-mewt ikompli meta naqraw kif is-suldat minflok kiser ir-riġlejn ta' Ġesù, nifidlu ġenbu b'lanza. Hawnhekk l-Evanġelista jirrapporta hekk: "Għax dan ġara biex isseħħ l-Iskrittura li tgħid, 'Ebda waħda minn għadmu ma jkissrulu.' U hemm ukoll kitba oħra





fl-Iskrittura li tgħid, 'Huma għad iħarsu lejn min nifdu.'"[7]

## Motifi mit-Testmnet il-Qadim

Flimkien mal-kwotazzjonijiet speċifiċi mit-Testment il-Qadim, fir-Raba' Evanġelju nsibu wkoll eku ta' diversi siltiet jew motifi oħra meħuda mill-Iskrittura. Hekk, pereżempju, il-Prologu jiftaħ bl-istess kliem tal-Genesi (LXX) "Fil-bidu" – bil-Grieg: *en arche* – u jitkellem mid-dawl u d-dlam[8] li ġew separati minn xulxin. Xbihat mit-Testment il-Qadim jirrappreżentaw ir-relazzjoni ta' Ġesù mal-poplu tiegħu. Ix-xbieha tar-ragħaj it-tajjeb fi Ġw 10 hija bbażata fuq numru ta' siltiet mit-Testment il-Qadim.[9] Hekk ukoll ix-xbieha ta' Ġesù bħala d-dielja f'rabta mal-frieghi fi Ġw 15 issib l-eku tagħha f'numru ta' siltiet oħra tat-Testment il-Qadim.[10]

Motif ieħor meħud mit-Testment il-Qadim li huwa użat mir-Raba' Evanġelista fl-Evanġelju tiegħu huwa dak tal-Għerf – bil-Grieg: *Sophia*. Għalkemm il-kelma "Għerf" ma nsibuhiex użata f'dan l-Evanġelju, nistgħu ngħidu li l-Prologu jagħmel użu minn dan il-motif fil-paralleliżmu li joħloq bejn il-*Logos*/ il-Kelma u l-personifikazzjoni tal-Għerf fir-rigward tal-funzjoni u l-irwol tagħhom fil-ħolqien.[11]

Rir-Raba' Evanġelju, niltaqgħu ukoll ma' bosta allużjonijiet għall-Iskrittura: il-ħolma ta' Ġakobb,[12] il-ħaruf tal-Għid,[13] ir-rigal tal-manna,[14] u s-serp tal-bronż.[15] Flimkien ma' dawn, il-bosta motifi tal-Għid Lhudi juru kif dan l-Evanġelju huwa mxappap fil-ħsieb u t-teoloġija Lhudija[16] fejn "il-Lhud" jieħdu prominenza kbira. Fid-dawl ta' dan kollu, ir-Raba' Evanġelista juża espressjonijiet bħal "l-Għid tal-Lhud"[17] u jitkellem fuq il-mod kif il-Lhud kienu jippreparaw il-ġisem mejjet għad-difna.[18] Ġesù iżda jżomm id-distanza minn dak li hu Lhudi hekk kif huwa jitkellem miċ-ċirkonċizjoni li "Mosè tagħkom,"[19] u minn Abraham bħala "missierkom."[20]

Ir-Raba' Evanġelista jurina kemm kien tassew interessat fl-Iskrittura b'mod illi huwa jaqraha u jinterpretaha minn perspettiva Kristoċentrika. Ġesù hu l-ħaruf tal-Għid,[21] is-sultan ta' Israel.[22] Is-salib tiegħu hu s-sellum ta' Ġakobb,[23] u Ġesù nnifsu hu



merfugħ 'il fuq bħas-serp li Mosè għolla fid-deżert bħala mezz ta' salvazzjoni.[24] Ġesù hu l-manna eskatoloġika[25] u l-għajn tal-ilma fit-Tempju ġdid li ra Eżekjel.[26] Fuq kollox, Ġesù hu muri bħala l-Iben ta' Alla, u allura akbar minn Ġakobb,[27] minn Abraham u l-profeti l-oħra.[28] Huwa l-aġent tal-ħolqien ta' Alla,[29] u t-tama tal-qawmien.[30] Huwa r-Ragħaj imwiegħed minn Eżekjel 34.[31]

## Ġudaiżmu li ma kienx monolitiku

Minkejja l-attenzjoni li r-Raba' Evanġelista jagħti għal dak li hu Lhud, irridu nżommu f'moħħna li l-Ġudaiżmu kontemporanju tal-Evanġelista ma kienx monolitiku. Il-Ġudaiżmu tal-ewwel seklu kien magħmul minn diversi gruppi/setet, inkluż l-Insara Lhud tal-bidu, b'ideat differenti relatati ma' diversi fatturi settarji.[32] Ġużeppi Flavju, l-istoriku Lhudi tal-ewwel seklu, isemmi tliet "setet" li flimkien magħhom irridu nżidu wkoll gruppi oħra żgħar li kien hemm f'dan il-perjodu.[33]

Wara s-sena 70 W.K., bil-qerda ta' Ġerusalemm u t-Tempju, din id-diversità bdiet tisparixxi fil-Ġudaiżmu filwaqt li l-Fariżej li diġà kienu popolari ħafna mal-poplu, kisbu awtorità morali u allura influwenza fuq il-poplu.[34] Id-diversità fil-Ġudaiżmu ta' qabel is-sena 70 W.K., saret aktar evidenti bl-iskoperta tad-*Dead Sea Scrolls* fl-1948.[35] Diversi studjużi jaraw paralleliżmu fil-kontenut ta' dawn id-dokumenti li nstabu f'Qumran ma' dak tar-Raba' Evanġelju.[36] Minkejja x-xebh, xorta waħda hemm baħar x'jifred bejn dawn ix-xogħlijiet letterarji.[37] Min-naħa l-oħra, Bultmann kien konvint li l-isfond tal-ideat li jesprimi r-Raba' Evanġelista għandhom l-għeruq tagħhom fil-Gnostiċismu.[38] Din il-pożizzjoni iżda ġiet ribattuta minn diversi studjużi li ġew warajh. Ħafna minn dawn l-istudji jipproponu li r-Raba' Evanġelju jsib l-għeruq tiegħu fit-Testment il-Qadim u fil-ħsieb Rabbiniku tal-ewwel seklu.[39] Dan kollu seħħ l-aktar wara l-istudju ta' Dodd, li mmarka bidla kbira fl-istudju ta' dan l-Evanġelju.[40] Dodd ippreżenta argumenti li fihom jurina kif id-deskrizzjonijiet li ħallielna dan l-Evanġelista dwar it-tipografija ta' Ġerusalemm,[41] u l-użu tal-lingwaġġ metaforiku diffiċli tifhimhom barra l-kuntest Lhudi ta' dan il-perjodu.[42]

## It-tradizzjonijiet u l-kwestjonijiet tal-Lhud

Fir-Raba' Evanġelju niltaqgħu ukoll ma' bosta referenzi għal-Liġijiet u t-tradizzjonijiet li kienu jagħmlu parti mill-Ġudaiżmu ta' żmien Ġesù. Hekk, pereżempju, Nikodemu jagħmel referenza għal-Liġi meta jipprova jaqbeż għal Ġesù: "Jaqaw il-Liġi tagħna tikkundanna lil xi ħadd qabel ma tisma' lilu stess ħalli tkun taf x'inhu jagħmel?"[43]

Ġesù nnifsu jirreferi għax-xhieda ta' tnejn fil-Liġi: "Issa fil-Liġi tagħkom hemm miktub lix-xhieda ta' tnejn tgħodd"[44] b'referenza għal Dewt 19:15. Ġesù jitkellem miċ-ċirkonċizjoni mogħtija minn Mosè: "Mosè takom iċ-ċirkonċiżjoni – għalkemm din ma kinitx ġejja minn Mosè – imma mill-patrijarki – u intom lil dak li jkun, iċ-ċirkonċiżjoni tagħmluhielu f'jum is-Sibt."[45] Fl-episodju tal-mara li nqabdet fid-dnub tissemma l-Liġi tat-tħaġġir: "Issa fil-Liġi tagħna Mosè ordna biex nisa bħal dawn inħaġġruhom."[46]

Bħala parti mill-ġrajja tat-tieġ f'Kana, l-Evanġelista jispjega l-preżenza ta' ġarar waqt dan it-tieġ. "Issa kien hemm sitt ġarar tal-ħaġar, imqiegħda hemm għar-rit tal-purifikazzjoni tal-Lhud."[47] Ir-Raba' Evanġelista jħoss ukoll il-bżonn li jispjega numru ta' użanzi li l-Lhud kellhom, bħal meta fl-episodju tal-fejqan tar-raġel li kien ilu tmienja u tletin sena marid, naqraw dwar ir-rabta bejn l-ilma tal-menqgħa ta' Betzata li kien jitqanqal mal-qawwa terapewtika tiegħu.[48]

F'dan l-Evanġelju nsibu wkoll traċċi ta' dibattiti kontemporanji fost il-Lhud, u li huma ankrati fit-Tradizzjoni Biblika taż-żmien li fih għex Ġesù. Hekk, pereżempju, fi Ġw 5:17 meta Ġesù jgħid lil-Lhud: "Missieri għadu jaħdem sa issa: mela naħdem jien ukoll," ir-Raba' Evanġelista jurina li kien familjari mal-kwestjonijiet tal-interpretazzjoni Biblika dwar il-ħarsien tal-jum qaddis tas-Sibt. Fl-ewwel żewġ Kapitli tal-Ktieb tal-Ġenesi naqraw kif il-Mulej temm il-ħolqien tiegħu fis-sitt jum u straħ fis-seba' jum. "U fis-seba' jum Alla temm ix-xogħol tiegħu kollu li kien għamel, u waqaf fis-seba' jum mix-xogħol tiegħu li kien għamel."[49] Skont il-ħsieb Lhudi, kif insibuh attestat fil-kitba ta' Filone, il-Mulej Alla xorta waħda iżda kien jaħdem f'jum is-Sibt. Huwa fid-dawl ta' interpretazzjonijiet bħal dawn, li rridu nippruvaw nifhmu kif Ġesù kien qed jiġġustifika dak li għamel f'jum is-Sibt.[50] Dan kollu jurina li dan l-Evanġelju ma jistax jinqara mingħajr konoxxenza tal-isfond tal-Ġudaiżmu kontemporanju għal din il-kitba.



## Kliem bil-Lhudi

Ir-Raba' Evanġelista jinkludi numru ta' kliem bl-Aramajk li miegħu jagħti t-tifsira tiegħu bil-Grieg, xi ħaġa li faċilment tindika li tal-inqas parti mill-udjenza li għaliha kiteb ma kinitx midħla tal-Aramajk. Hekk, pereżempju, fis-sejħa tal-ewwel dixxipli naqraw kif dawn id-dixxipli jistaqsu lil Ġesù: "Fejn toqgħod *Rabbi?* – li tfisser Mgħallem."[51] F'dan l-istess episodju naqraw kif Indrì jmur isib lil ħuh Pietru u jgħidlu: "'Sibna l-Messija' – li tfisser Kristu."[52] Fil-vers ta' wara naqraw kif Ġesù jsejjaħ lil Xmun: "Kefa – jew Pietru."[53] Hekk ukoll fid-dehra ta' Kristu Rxoxt lil Marija ta' Magdala naqraw kif din tgħidlu: "'Rabbuni!' jiġifieri Mgħallem."[54] Tumas hu msejjaħ "it-Tewmi," enfasi mogħtija tliet darbiet f'dan l-Evanġelju.[55]

F'dan l-Evanġelju niltaqgħu ukoll ma' numru ta' ismijiet u kliem mogħti bil-Lhudi bla

ebda spjega għalihom. Hekk, pereżempju, Kristu Rxoxt isejjaħ lil Marija ta' Magdala bl-isem tagħha: "Mirjam!"[56] F'Ħadd il-Palm naqraw kif in-nies bdew isellmu lil Ġesù bl-għajjat tal-kliem "Hosanna!"[57] Flimkien ma' dan il-kliem, irridu ninnutaw ukoll l-ismijiet ta' postijiet li jissemmew bil-Lhudi u bi spjega għalihom. Hekk, pereżempju, lill-agħma mit-twelid, Ġesù jgħidlu: "Mur inħasel fil-menqgħa ta' Silwam." Immedjatament wara, l-Evanġelista jipprovdi t-tifsira ta' dan l-isem: "Din tfisser 'il-Mibgħut.'"[58]

Hemm imbagħad ismijiet ta' postijiet oħra mogħtija bil-Lhudi imma mingħajr ebda spjega għalihom. Hekk, pereżempju, naqraw fil-bidu tal-miraklu tar-raġel li kien ilu snin marid: "F"Ġerusalemm, maġenb il-menqgħa tal-Bieb tan-Nagħaġ, hemm bini b'ħames loġoġ, li bil-Lhudi jgħidulu Betzata."[59] Fil-rakkont tal-passjoni naqraw: "Pilatu ġieb lil Ġesù barra u qiegħdu fuq sedja għolja, fil-post imsejjaħ Litòstrotos, bil-Lhudi Gabbatà."[60] Ftit versi 'l isfel naqraw dwar il-post fejn sallbu lil Ġesù "imsejjaħ 'il-Qorriegħa,' bil-Lhudi Golgota."[61]

## Eku ta' figuri mit-Testment il-Qadim

Il-figuri tal-Patrijarki: Abraham, Iżakk u Ġakobb, huma msemmija f'konnessjoni ma' Ġesù f'dan l-Evanġelju. Ġesù jkellem lil-"Lhud" fuq Abraham u jgħidilhom: "Missierkom Abraham qabeż bil-ferħ għall-ħsieb li kien se jara l-jum tiegħi, u rah u feraħ."[62] Il-mara Samaritana tistaqsi lil Ġesù dwar l-identità tiegħu f'rabta ma' Ġakobb: "Jaqaw int aqwa minn missierna Ġakobb li tana dan il-bir, li minnu xorob hu u wliedu u l-imrieħel tiegħu?"[63] Meta l-Evanġelista jippreżenta l-fehma tal-poplu dwar Ġesù, huwa jqajjem il-mistoqsija tar-relazzjoni ta' Ġesù ma' David: "Ma tgħidx l-Iskrittura li l-Messija għandu jiġi min-nisel ta' David u minn Betlehem, ir-raħal minn fejn kien David?"[64]

Hemm imbagħad bosta referenzi espliċiti għal Mosè. It-tipoloġija dwar Mosè nsibuha fin-noti dwar is-serp tal-bronż,[65] fl-għoti tal-manna,[66] kif ukoll fil-mirakli ta' Ġesù bħala sinjali li jservu biex jawtentikaw il-missjoni tiegħu. Hemm ukoll bosta referenzi espliċiti għal Mosè mxerrda man-narrativa kollha ta' dan l-Evanġelju. Filippu jgħid lil Natanjel: "Sibna lil dak li fuqu kitbu Mosè fil-Liġi u l-profeti fil-kotba tagħhom."[67] Fl-ewwel kontroversja mal-"Lhud," Ġesù jgħidilhom: "Xejn la taħsbu li se nkun jien li nakkużakom quddiem il-Missier; dak li jakkużakom huwa Mosè, li fih qegħedtu t-tama tagħkom. Għax kieku kontu temmnu lil Mosè kontu temmnu lili wkoll, għax Mosè fuqi kiteb."[68] Fl-interrogazzjonijiet li l-"Lhud" għamlu lir-raġel li twieled agħma naqraw, kif dawn jakkużaw lil dan ir-raġel: "Dak int dixxiplu tiegħu! Aħna ta' Mosè dixxipli! Aħna nafu li lil Mosè kellmu Alla, imma dan ma nafux minn fejn hu!"[69]

## L-inklużjoni tal-festi tal-Lhud

Il-festi Lhud imsemmija fir-Raba' Evanġelju, fosthom, il-festa tal-Għid, tat-Tabernakli, u tal-Konsagrazzjoni tat-Tempju, juruna li dan l-Evanġelista kien jaf sewwa bit-tifsir teoloġiku ta' dawn il-festi li kienu marbuta ma' żminijiet differenti matul is-sena.[70] Huma bosta l-istudji dwar il-festi Lhud fir-Raba' Evanġelju.[71] Xi studjużi jqisu l-inklużjoni tal-festi Lhud f'rabta mal-ġrajjiet marbuta ma' Ġesù, bħala għajnuna letterarja li tagħti struttura lin-narrativa ta' dan l-Evanġelju.[72] Studjużi oħra jqisu lil dawn il-festi bħala mod ġdid kif nifhmu l-Kristoloġija tar-Raba' Evanġelju, b'mod illi Ġesù jiġi muri lilna bħala dak li qed jieħu post dawn il-festi, jew aħjar li t-tifsira vera ta' dawn il-festi ssib il-milja tagħha f'Ġesù, l-Iben ta' Alla.[73]

L-Għid Lhudi huwa msemmi tliet darbiet matul in-narrativa kollha ta' dan l-Evanġelju.[74] F'dan l-Evanġelju tissemma wkoll il-festa tad-Dedikazzjoni tat-Tempju f'rabta max-Xitwa: "Imbagħad f'Ġerusalemm ħabtet il-festa tal-Konsagrazzjoni tat-Tempju. Kienet ix-xitwa, u Ġesù kien miexi min-naħa għal oħra tat-Tempju, fil-loġġa ta' Salamun."[75] Ir-Raba' Evanġelista jsemmi wkoll il-festa tat-Tabernakli meta jinfurmana kif fl-aħħar jum solenni tal-festa Ġesù joffri "ilma ħaj."[76]

## L-arkeoloġija u r-Raba' Evanġelju

Studji arkeoloġiċi għenu biex jikkonfermaw li r-Raba' Evanġelju huwa korrett dwar il-ġeografija tal-Palestina,[77] aktar milli forsi konna naħsbu meta l-istoriċità ta' dan l-Evanġelju kienet ikkontestata minn ħafna studjużi.[78] Hekk, pereżempju, fi Ġw 1:28 naqraw: "Dan ġara f'Betanja, in-naħa l-oħra tal-Ġordan, fejn Ġwanni kien jgħammed." Hekk ukoll fi Ġw 10:40 terġa' tissemma din il-lokalità: "U raġa' mar in-naħa l-oħra tal-Ġordan, fejn qabel kien hemm Ġwanni jgħammed, u baqa' hemm." L-iskavi li saru fl-1996 f'Betanja lil hemm mill-Ġordan jikkonfermaw l-istoriċità ta' dan il-post.[79] Ir-referenza għal Betanja lil hemm mill-Ġordan hija intenzjonata biex tiddistingwi minn Betanja l-oħra li "kienet qrib Ġerusalemm, xi ħmistax-il stadju 'l hemm minnha."[80] Din il-lokalità li tissemma fi Ġw 11:1 u 12:1, kienet skavata bejn is-snin 1949-1953,[81] bħala post qrib Ġerusalemm li aktarx Ġesù kien imur hemm fid-dar tal-familja ta' Marta, Marija u Lazzru msemmija bħala dawk li kien iħobb Ġesù.[82]

Post ieħor li jissemma biss fir-Raba' Evanġelju huwa l-menqgħa tal-Bieb tan-Nagħaġ li ħdejha kien hemm bini b'ħames loġoġ jgħidulu Betzata.[83] Skavi li saru fis-seklu dsatax u għoxrin kixfu vaska kbira qrib il-knisja ta' Sant'Anna f'Ġerusalemm, li ġiet identifikata bħala dan il-post li jsemmi r-Raba' Evanġelju.[84] F'Kapitlu 9, l-Evanġelista San Ġwann imbagħad, isemmi l-menqgħa ta' Silwam li fiha Ġesù bagħat lir-raġel agħma mit-twelid biex jinħasel. Mill-ġdid l-iskavi moderni li saru f'Ġerusalemm wasslu biex terġa' tinstab din il-menqgħa.

Dan kollu jurina kif ir-Raba' Evanġelista kellu konoxxenza tal-Palestina qabel is-sena 70 W.K., meta xi wħud minn dawn il-postijiet li jsemmi fin-narrativa, ġew meqrudin mir-Rumani. Dan ma jfissirx li l-informazzjoni li jagħtina dan l-Evanġelju dwar Ġesù hija vverifikata, imma tal-inqas l-ambjent li fih għex Ġesù hu wieħed ta' min joqgħod fuqu.

## Konklużjoni

Meta nqisu x-xhieda kollha ppreżentata hawn, flimkien ma' ħafna argumenti oħra li ma kienx hemm post biex insemmuhom, nikkonkludu li l-kuntest reliġjuż li fih inkiteb ir-Raba' Evanġelju huwa l-Ġudaiżmu tal-ewwel seklu, li kien wieħed imħallat u mhux monolotiku. Kien minn hemm li l-Evanġelista San Ġwann kiseb ħafna mill-ideat tiegħu fid-dawl tat-Testment il-Qadim li ġew applikati b'mod straordinarju għal Ġesù, l-Iben ta' Alla, li hu muri lilna bħala superjuri għall-personaġġi l-kbar tat-Testment il-Qadim.

## Referenzi

1 Fost l-istudji dwar l-użu tat-Testment il-Qadim fir-Raba' Evanġelju ara, Edwin D. Freed, Old Testament Quotations in the Gospel of John (Leiden: Brill, 1965); Maarten J.J. Menken, "Observations on the Significance of the Old Testament in the Fourth Gospel," f'Theology and Christology in the Fourth Gospel, eds. Gilbert Van Belle u Jan G. Van der Watt, P.J. Maritz (Leuven: Leuven University Press, 2005), 155-175.

2 Ġw 2:17.

3 Ġw 15:25.

4 Ġw 17:12.

5 Ġw 19:24.

6 Ġw 19:28.

7 Ġw 19:36-37.

8 Ara Ġen 1:1-5.

9 Ara Salm 23:1; Isa 40:11; Ġer 23:1-4; Eżek 34:1; 37:24. Ara wkoll, F. Onoro, "The Excellence of the Shepherd: An Interpretation of Jn 10:11-18," Dei Verbum 68-69 (2003): 16-20.

10 Ara Salm 80:9-14; Isa 5:1-7; Ġer 2:21; Eżek 15:1; 19:10.14; Hos 10:1. Ara wkoll, Fernando F. Segovia, "The Theology and Provenance of John 15,1-17," Journal of Biblical Literature 101 (1982): 115-128.

11 Ara Prov. 8:30 u Ġw 1:2-4.

12 Ara Ġen 28:12; Ġw 1:51.

13 Ara Eżod 12:1-14; Ġw 1:29.36; Ġw 19:14.

14 Ara Eżod 16:1-12; Ġw 6:25-58.

15 Ara Num 21:5-9; Ġw 3:14-15.

16 Ara Leon Morris, The New Testament and the Jewish Lectionaries (London: The Tyndale Press, 1964), 64-72.

17 Ara Ġw 2:13; 6:4; 11:55.

18 Ara Ġw 19:40.

19 Ara Ġw 7:22.

20 Ara Ġw 8:56.

21 Ara Ġw 1:29; 19:36.

22 Ara Ġw 1:49.

23 Ara Ġw 1:51.

24 Ara Ġw 3:14.

25 Ara Ġw 6:32.

26 Ara Ġw 7:37-39.

27 Ara Ġw 4:12.

28 Ara Ġw 8:53.

29 Ara Ġw 5:17.

30 Ara Ġw 11:25.

31 Ara Ġw 10:11.

32 Fuq din id-diversità ara, Gary G. Porton, "Diversity in Postbiblical Judaism," f'Early Judaism and its Modern Interpreters, eds. Robert A. Kraft u George W. E. Nickelsburg (Philadelphia: Fortress, 1986), 57-80.

33 Ara Martin Goodman, "A Note on the Qumran Sectarians, the Essenes and Josephus," JJS 46 (1995): 161-166.

34 Ara Bruce Chilton u Jacob Neusner, Judaism in the New Testament: Practices and Beliefs (London, New York: Routledge, 1995).

35 Ara Géza Vermès, The Religion of Jesus the Jew (Minneapolis: Fortress, 1993), 8-9.

36 Ara pereżempju, A. Hanson, "Hodayot XV and John 17: A Comparison of Content and Form," Hermathena 18 (1974): 48-58.

37 James H. Charlesworth, "A Critical Comparison of the Dualism in 1QS 3:13-4:26 and the 'Dualism' Contained in the Gospel of John," f'John and the Dead Sea Scrolls, ed. James H. Charlesworth (New York: Herder & Herder / The CrossRoad Publishing, 1990), 76-106, ma jaċċettax id-dipendenza letterarja bejn it-testi ta' Qumran u r-Raba' Evanġelju.

38 Ara Rudolf Bultmann, The Gospel of John: A Commentary, trans. George R. Beasley-Murray et al. (Oxford: Blackwell, 1971), 28, 30.

39 Ara Peder Borgen, Bread from Heaven: An Exegetical Study of the Concept of Manna in the Gospel of John and the Writings of Philo. Supplements to Novum Testamentum 10 (Leiden: Brill, 1965).

40 Ara Charles H. Dodd, Historical Tradition in the Fourth Gospel (Cambridge: Cambridge University Press, 1963).

41 Ara ibid., 180.

42 Ara ibid., 332-333, 412-413.

43 Ġw 7:51.

44 Ġw 8:17.

45 Ġw 7:22.

46 Ġw 8:5. Ara wkoll, Lev 20:10; Dewt 22:22.

47 Ġw 2:6.

48 Ara Ġw 5:7.

49 Ġen 2:2.

50 Ara Peder Borgen, "The Sabbath Controversy in John 5:1-18 and the Analagous Controversy Reflected in Philo's Writings," f'Peder Borgen, Early Christianity and Hellenistic Judaism (Edinburgh: T&T Clark 1996), 105-120.

51 Ġw 1:38.

52 Ġw 1:41.

53 Ġw 1:42.

54 Ġw 20:16.

55 Ara Ġw 11:16; 20:24; Ġw 21:2.

56 Ġw 20:16.

57 Ġw 12:13.

58 Ġw 9:7.

59 Ġw 5:2.

60 Ġw 19:13.

61 Ġw 19:17.

62 Ġw 8:56.

63 Ġw 4:12.

64 Ġw 7:42.

65 Ara Ġw 3:14.

66 Ara Ġw 6:31-58.

67 Ġw 1:45.

68 Ġw 5:45-46.

69 Ġw 9:28-29.

70 Ara Gary M. Burge, Interpreting the Gospel of John (Grand Rapids/MI: Baker Books, 1998), 20.

71 Dawn il-festi tal-Lhud huma studjati fix-xogħol ta' Rafael Vicent, La festa ebraica delle capanne (Sukkot). Interpretazioni midrashiche nella Bibbia e nel giudaismo antico (Roma: Libreria Editrice Vaticana, 2000).

72 Ara pereżempju, M.-É., Boismard, "L'Evangile à quatre dimensions," Lumière 5, no.1 (1951): 94-114.

73 Ara Gale A. Yee, Jewish Feasts and the Gospel of John (Wilmington DE: Michael Glazier, 1989); Michael A. Daise, Feasts in John: Jewish Festivals and Jesus' Hour in the Fourth Gospel. WUNT 229 (Tübingen, Mohr Siebeck, 2007); Renzo Infante, Le feste di Israele nel Vangelo secondo Giovanni. Parola di Dio 32 (Cinisello Balsamo (MI): San Paolo, 2010).

74 Ara Ġw 2:13.23; 6:4; 11:55.

75 Ġw 10:22-23. Il-loġġa ta' Salamun bħala parti mit-Tempju ta' Ġerusalemm tissemma wkoll f'Atti 3:11; 5:12.

76 Ara Ġw 7:37-39.

77 Xi postijiet li jissemmew fis-Sinottiċi huma għal kollox assenti fir-Raba' Evanġelju, fosthom, Korażim, Nain, Dekapolis, Gadara, Ċesarija Filippi. Minflok, ir-Raba' Evanġelista jambjenta l-ġrajjiet ta' Ġesù f'postijiet bħal Kana u Tiberija. Hemm ukoll postijiet oħra li jissemmew fir-Raba' Evanġelju kif ukoll fl-Evanġelj Sinottiċi, bħal Nazaret, Kafarnahum, Betsajda u Golgota.

78 Ara pereżempju l-argumenti ta' John D. Crossan, The Historical Jesus: The Life of a Mediterranean Jewish Peasant (Edinburgh: T&T Clark: 1991).

79 Ara R. Riesner, "Bethany Beyond the Jordan (John 1:28): Topography, Theology and History in the Fourth Gospel," (The Tyndale NT Lecture 1986), TynB 38 (1987): 29-63.

80 Ġw 11:18.

81 Ara Sylvester J. Saller, Excavations at Bethany (1949-1953). SBF. Collectio Maior 12 (Jerusalem: Franciscan Press, 1957, reprinted 1982).

82 Ara Ġw 11:5.

83 Ara Ġw 5:2.

84 Dwar ix-xogħol ta' skavar li sar f'dan il-post ara l-istudju ta' A. Duprez, Jésus et les dieux guerisseurs. A propos de Jean V. Cahiers de la Revue Biblique 12 (Paris: J. Gabalda, 1970).

## Ġedded l-Abbonament tiegħek

# L-ART Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA




# ABBONAMENT:

## €10 fis-sena

## €15 jew aktar Sostenitur

Toħroġ kull 3 xhur

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

## Tiġdid L-Art Imqaddsa 2023

Kunjom ____________________

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

____________________

Kodiċi Postali ____________________

Qed nibgħat € ______________
bħal abbonament għall-2023


**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta VLT 1213, Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Bazilika Nazaret – Quddiesa - Ritratt: Andre Mangion*